L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral |
| DATA: | 5 ta' April 2018 |
| ĦIN: | 15-il minuta |

**SEZZJONI 1A**

**KARTA TAL-EŻAMINATURI**

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet mogħtija** u għall-iskop ta' standardizzazzjoni jaqra biss dawk miktubin **bold**;
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn;
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

**Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma dan joħroġ mill-kamra tal-eżami.**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta)

L-eżaminatur jgħid: **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'leħen għoli.** Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-kandidat. Huwa għandu jwaqqaf lill-kandidat milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.

**Il-Mitoloġija**

Il-mitoloġija tgħarrex l-istħajjil ħa tispjega ċerti misteri tal-ħajja marbutin mal-bidu tad-dinja, mal-qagħda u s-sehem tal-bniedem fuq l-art u r-relazzjoni tiegħu mad-divin, u mat-tifsira tal-mewt. F'dan il-kwadru l-allat jingħataw setgħat qawwijin li daqqa jgħinu lill-bniedem u daqqa jfixkluh u jxekkluh biex itellfuh. Fl-istess waqt, il-mitoloġija twassal b'mod drammatiku l-ġustifikazzjoni għas-sistema soċjali u għad-drawwiet tradizzjonali li kien hemm fl-ambjent klassiku. Irridu neħduha bħala fergħa ewlenija tal-mentalità klassika. Il-ġrajjiet li twasslilna ġieli jinsabu f'partijiet oħra tad-dinja wkoll, għax huma ġrajjiet komuni għall-popli kollha.

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI |
|---|---|---|
| M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew. | M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub. | Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba. |

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**(Total: 2 marki)**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti)

Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira DARBA BISS. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent/a għax wara se nistaqsik ĦAMES mistoqsijiet fuqha.** L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.

Fis-sajf l-antiki kienu jersqu lejn il-baħar. Kienu jinżlu familji sħaħ fil-bajjiet popolari, fuq xi karettun, u meta bdew ix-xarabanks kienu jinqdew bihom ukoll. Mhux kulħadd kien jinżel jgħum. L-anzjani kienu jdendlu saqajhom fil-baħar u jilbsu kappell kbir tat-trizza f'rashom. Ma kellhomx malji mixtrijin, imma lbies tas-soltu li jinxef sakemm jerġgħu jaslu lura d-dar. Ma kinitx drawwa li n-nisa jinżgħu għall-baħar; kienu jinżlu bid-dublett li jinfetaħ madwarhom qisu umbrella, u joqogħdu jċafċfu qrib ix-xtajta. F'diversi postijiet, fl-aħħar snin tas-seklu dsatax, kienu tħaffru banjijiet fil-blat jinfdu mal-baħar. Fis-sajf dawn kienu jinkrew lil xi kuntrattur biex fuqhom jarma gabini tal-injam.

L-eżaminatur jgħid: **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli **DARBTEJN** u jagħti madwar **ĦAMES** sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.

1. Din is-silta titkellem fuq
(a) il-bajjiet u l-baħar.
(b) xi drawwiet tal-antiki meta kienu jmorru l-baħar.
(ċ) il-kuntratturi.

2. L-antiki kienu jmorru l-baħar
(a) bil-karettun.
(b) bil-mixi.
(ċ) bil-karozzi privati tagħhom.

3. Liema attività minn dawn li ġejjin, mhijiex imsemmija fis-silta?
(a) Iċafċfu fil-baħar.
(b) Jaqbdu r-rizzi.
(ċ) Jilbsu kpiepel kbar.

4. Skont is-silta, l-antiki ma kinux jixtru malji għall-baħar imma kienu
(a) jiddubbawhom.
(b) jinżlu bi lbies komuni.
(ċ) jikruhom.

5. Il-kuntratturi kienu
(a) jħaffru l-banjijiet.
(b) jikru l-umbrelel.
(ċ) jarmaw gabini tal-injam.

**(Total: 5 marki)**

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** Il-kandidat jagħżel **L-ivvjaġġar JEW L-ambjent naturali.**

**L-ivvjaġġar**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** l-ivvjaġġar.
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. Għaliex jivvjaġġa l-bniedem tal-lum?
ii. Xi jfisser l-ivvjaġġar għalik? Għaliex?
iii. F'liema pajjiżi tixtieq tmur? Għaliex?
iv. B'liema mezz ta' transport tippreferi tivvjaġġa l-aktar? Għaliex?
v. Il-biża' tat-terroriżmu taħseb li affettwa l-ivvjaġġar tal-Maltin? Għaliex taħseb hekk?

**JEW**

**L-ambjent naturali**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** l-ambjent naturali.
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. X'tifhem b'*ambjent naturali*?
ii. Għaliex huwa importanti l-ambjent naturali fil-ħajja tal-bniedem?
iii. X'taħseb li huma r-responsabilitajiet ta' kull individwu lejn l-ambjent naturali?
iv. Kif jista' l-bniedem ifixkel l-ambjent naturali?
v. Aħna l-Maltin qegħdin nagħmlu biżżejjed biex inħarsu l-ambjent naturali tagħna? Għaliex?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju għani. |

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(Total: 4 marki)**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** Il-kandidat jagħżel **Il-bilingwiżmu JEW Ġan Anton Vassallo**.

**Il-bilingwiżmu**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** il-bilingwiżmu. Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. X'tifhem bil-kelma *bilingwiżmu*?
ii. Għaliex huwa importanti l-bilingwiżmu (Malti u Ingliż) għalina l-Maltin?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju għani. |

**JEW**

**Ġan Anton Vassallo**
Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** Ġan Anton Vassallo.

**X'taf tgħidli fuqu?**
L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet i & ii. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.

i. F'liema żmien għex? (seklu 19 jew 1817-1868)
ii. Għal xiex inhu magħruf l-aktar? (għall-poeżiji, għall-kitba ta' *Il-Ġifen Tork*)

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju għani. |

**(Total: 4 marki)**

Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid: **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2018**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | **SEZZJONI 1A** |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | |
| DATA: | 5 ta' April 2018 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

**KARTA TAL-KANDIDATI**

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC.
- Qabel tidħol għall-eżami għandek 5 minuti biex tipprepara.
- Dan l-eżami fih sezzjoni tal-qari, sezzjoni tas-smigħ u żewġ diskussjonijiet.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**SILTA GĦALL-QARI** (minuta)

Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'leħen għoli quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.

**Il-Mitoloġija**

Il-mitoloġija tgħarrex l-istħajjil ħa tispjega ċerti misteri tal-ħajja marbutin mal-bidu tad-dinja, mal-qagħda u s-sehem tal-bniedem fuq l-art u r-relazzjoni tiegħu mad-divin, u mat-tifsira tal-mewt. F'dan il-kwadru l-allat jingħataw setgħat qawwijin li daqqa jgħinu lill-bniedem u daqqa jfixkluh u jxekkluh biex itellfuh. Fl-istess waqt, il-mitoloġija twassal b'mod drammatiku l-ġustifikazzjoni għas-sistema soċjali u għad-drawwiet tradizzjonali li kien hemm fl-ambjent klassiku. Irridu neħduha bħala fergħa ewlenija tal-mentalità klassika. Il-ġrajjiet li twasslilna ġieli jinsabu f'partijiet oħra tad-dinja wkoll, għax huma ġrajjiet komuni għall-popli kollha.

**(Total: 2 marki)**

---

**ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET**

**a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**L-ivvjaġġar JEW L-ambjent naturali**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

**b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**Il-bilingwiżmu JEW Ġan Anton Vassallo**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

**▪ ▪ ▪**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral |
| DATA: | 5 ta' April 2018 |
| ĦIN: | 15-il minuta |

**SEZZJONI 1B**

**KARTA TAL-EŻAMINATURI**

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet mogħtija** u għall-iskop ta' standardizzazzjoni jaqra biss dawk miktubin **bold**;
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn;
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

**Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma dan joħroġ mill-kamra tal-eżami.**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta)

L-eżaminatur jgħid: **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'leħen għoli.** Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-kandidat. Huwa għandu jwaqqaf lill-kandidat milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.

**Il-Molluski**

Il-ħlejjaq tal-baħar, bħall-imħar, is-siċċ, il-bebbux, u l-arzell jissejħu molluski li kapaċi jieħdu l-elementi kollha. Il-molluski minn dejjem kienu jinteressaw lill-bniedem bħala ikel, għodda, ornamenti, u anki flus. Insibu, fost oħrajn, antropoloġisti li jiddeskrivu xi popli primittivi li mhux talli kienu jieklu l-laħam artab tal-molluski imma kienu jużaw il-qxur tagħhom fin-negozju. U llum il-molluski nsibuhom bosta drabi f'lokalitajiet turistiċi qrib il-baħar bħala tiżjin, li jolqot lit-turist, u bħala delikatezza fuq xi platt. F'atmosfera primittiva wkoll, il-molluski ġieli ntużaw bħala xbihat reliġjużi.

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI |
|---|---|---|
| M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew. | M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub. | Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba. |

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**(Total: 2 marki)**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti)

Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira DARBA BISS. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent/a għax wara se nistaqsik ĦAMES mistoqsijiet fuqha.** L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.

Henry Dunant waqqaf l-għaqda tar-*Red Cross* fl-1859, wara li ra l-ħruxijiet tal-battalja ta' Solferino. Madwar 40,000 suldat tal-imperu Awstrijak u tal-imperu Franko-Sardinjan indarbu f'din il-battalja, u n-nuqqas ta' attenzjoni medika li kellhom wassal sabiex bosta mill-feruti mietu. Wara li ra dan kollu, Dunant organizza u għallem lin-nies tal-lokal biex jitimgħu u jdewwu lin-nies il-midruba. Fl-1863, hu u ħamsa oħra waqqfu kumitat internazzjonali biex jieħdu ħsieb il-feruti fil-gwerer. Dan il-kumitat żviluppa fir-*Red Cross* bl-emblema tas-salib aħmar fuq sfond abjad. Bosta pajjiżi ffirmaw il-konvenzjoni ta' Ġinevra biex joffru kura medika lill-midruba u jagħtu s-servizz newtrali tagħhom fil-kamp tal-battalja.

L-eżaminatur jgħid: **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli **DARBTEJN** u jagħti madwar **ĦAMES** sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.

1. Din is-silta titkellem fuq
(a) il-ħruxija tal-gwerra.
(b) ir-*Red Cross.*
(ċ) is-suldati.

2. Skont is-silta Dunant għallem lin-nies tal-lokal biex
(a) jitimgħu u jdewwu lill-feruti.
(b) ikunu jafu jiktbu u jaqraw.
(ċ) jiġġieldu aħjar.

3. Il-kumitat internazzjonali twaqqaf biex
(a) jgħallem lin-nies.
(b) jieħdu ħsieb il-feruti fil-gwerer.
(ċ) iġib il-paċi.

4. L-emblema tar-*Red Cross* hija salib
(a) aħmar fuq sfond abjad.
(b) abjad fuq sfond aħmar.
(ċ) abjad u aħmar.

5. Liema minn dawn ma tissemmiex fis-silta? Il-pajjiżi ffirmaw il-konvenzjoni ta' Ġinevra biex
(a) joffru kura medika lill-midrubin.
(b) jiddiskutu l-ġlied bejn in-nazzjonijiet.
(ċ) jagħtu servizz newtrali fil-gwerer.

**(Total: 5 marki)**

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** Il-kandidat jagħżel **L-ambjent tad-dar JEW Il-kura tas-saħħa**.

**L-ambjent tad-dar**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** l-ambjent tad-dar. Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. Fejn tippreferi li jkollok id-dar tiegħek: f'belt jew f'raħal? Għaliex?
ii. X'tippreferi: tgħix f'dar kbira jew f'dar żgħira? Għaliex?
iii. Liema hija l-aktar kamra għal qalbek fid-dar fejn toqgħod illum? Għaliex?
iv. Kif tippreferi tarma l-ambjent tad-dar, fuq stil modern jew fuq stil antik? Għaliex?
v. X'jagħmel ambjent tad-dar sabiħ jew ikrah? Għaliex taħseb hekk?

**JEW**

**Il-kura tas-saħħa**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** il-kura tas-saħħa. Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. Għaliex taħseb li l-bniedem għandu jieħu ħsieb saħħtu?
ii. Jgħidu li t-tip ta' ikel li nieklu għandu sehem importanti fil-ħarsien u l-kura ta' saħħitna. Għaliex?
iii. L-eżerċizzju fiżiku hu importanti fil-ħarsien u l-kura ta' saħħitna. Kif jgħinna dan?
iv. Int x'tagħmel biex tieħu ħsieb saħħtek?
v. Taħseb li l-poplu Malti huwa konxju ta' saħħtu? Għaliex?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju għani. |

**(Total: 4 marki)**

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** Il-kandidat jagħżel **Il-Malti Safi JEW Dun Karm Psaila**.

**Il-Malti safi**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** il-Malti safi.
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. Spjega x'tifhem meta ngħidu *Malti safi*.
ii. L-ilsien Malti hu dak li hu minħabba t-taħlit lessikali u morfoloġiku minn ilsna barranin. Kemm taħseb li tagħmel sens l-idea ta' Malti safi meta nafu b'dan?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju għani. |

**JEW**

**Dun Karm Psaila**
Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** Dun Karm Psaila.

**X'taf tgħidli fuqu?**
L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet i & ii. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.

i. F'liema żmien għex? (sekli 19 u 20 jew 1871-1961)
ii. X'kien il-kontribut ta' Dun Karm Psaila għall-iżvilupp tal-ilsien Malti? (il-kitba tal-*Innu Malti*, poeżiji, dizzjunarju)

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju għani. |

**(Total: 4 marki)**

Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid: **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral |
| DATA: | 5 ta' April 2018 |
| ĦIN: | 15-il minuta |

**SEZZJONI 1B**

**KARTA TAL-KANDIDATI**

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC.
- Qabel tidħol għall-eżami għandek 5 minuti biex tipprepara.
- Dan l-eżami fih sezzjoni tal-qari, sezzjoni tas-smigħ u żewġ diskussjonijiet.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**SILTA GĦALL-QARI** (minuta)

Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'leħen għoli quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.

**Il-Molluski**

Il-ħlejjaq tal-baħar, bħall-imħar, is-siċċ, il-bebbux, u l-arzell jissejħu molluski li kapaċi jieħdu l-elementi kollha. Il-molluski minn dejjem kienu jinteressaw lill-bniedem bħala ikel, għodda, ornamenti, u anki flus. Insibu, fost oħrajn, antropoloġisti li jiddeskrivu xi popli primittivi li mhux talli kienu jieklu l-laħam artab tal-molluski imma kienu jużaw il-qxur tagħhom fin-negozju. U llum il-molluski nsibuhom bosta drabi f'lokalitajiet turistiċi qrib il-baħar bħala tiżjin, li jolqot lit-turist, u bħala delikatezza fuq xi platt. F'atmosfera primittiva wkoll, il-molluski ġieli ntużaw bħala xbihat reliġjużi.

**(Total: 2 marki)**

---

**ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET**

**a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**L-ambjent tad-dar JEW Il-kura tas-saħħa**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

**b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**Il-Malti safi JEW Dun Karm Psaila**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

▪ ▪ ▪

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral |
| DATA: | 5 ta' April 2018 |
| ĦIN: | 15-il minuta |

**SEZZJONI 1Ċ**

**KARTA TAL-EŻAMINATURI**

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet mogħtija** u għall-iskop ta' standardizzazzjoni jaqra biss dawk miktubin **bold**;
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn;
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

**Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma dan joħroġ mill-kamra tal-eżami.**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## 1. SILTA GĦALL-QARI (minuta)

L-eżaminatur jgħid: **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'leħen għoli.** Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-kandidat. Huwa għandu jwaqqaf lill-kandidat milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.

### Il-Futbol

L-industrijalizzazzjoni ġabet bosta tibdiliet għall-klassi tal-ħaddiema u fis-seklu dsatax u fl-ewwel nofs tas-seklu għoxrin il-ħaddiema żammew l-attivitajiet tal-ħin liberu tagħhom. Imma l-għaqdiet tar-raħal (l-aktar tal-banda u forsi tal-ħamiem) baqgħu wisq magħluqin; baqgħu marbutin mar-raħal, u għalkemm kellhom xi inizjattivi, dawn l-inizjattivi kienu jkunu kompetittivi mal-eqreb irħula ġirien. Imma l-futbol, bħala sport ta' parteċipazzjoni għall-massa, kiseb importanza li ssuperat lil dik tal-għaqdiet l-oħra. Għen sabiex ir-raħal joħroġ minn qoxortu. Raħal mhux biss ikkompeta ma' ta' ħdejh, imma anki ma' tal-bogħod u mat-timijiet Ingliżi.

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI |
|---|---|---|
| M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew. | M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub. | Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba. |

**(Total: 2 marki)**

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

## 2. SILTA GĦAS-SMIGĦ (6 minuti)

Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira DARBA BISS. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent/a għax wara se nistaqsik ĦAMES mistoqsijiet fuqha.** L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.

San Pawl il-Baħar għandu wirt kbir tal-qedem. Insibu tempju preistoriku f'Buġibba u ieħor tal-Qadi. It-tempju ta' Buġibba jinsab bħala parti mill-bini ta' lukanda moderna. Hemm ukoll dolmen u menħir, u raddi ta' dawk iż-żminijiet. Ta' żmien ir-Rumani hemm triq u fdal ta' villa u post għat-tkabbir tan-naħal. Biswit il-kappella ta' San Pawl f'Burmarrad hemm il-fdal ta' villa Rumana li xi wħud jaħsbu li kienet ta' San Publiju, il-mexxej ewlieni ta' Malta li laqa' lil San Pawl u lil sħabu wara li batew in-nawfraġju tagħhom. Fil-qalba ta' San Pawl il-Baħar insibu fdalijiet tal-banjijiet Rumani, u fit-Torri ta' Wignacourt hemm mużew żgħir tal-bini ta' fortijiet.

L-eżaminatur jgħid: **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli **DARBTEJN** u jagħti madwar **ĦAMES** sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.

1. Din is-silta titkellem fuq
(a) il-lukandi ta' Buġibba.
(b) <u>il-wirt tal-qedem.</u>
(ċ) il-ħajja ta' San Publiju.

2. Skont is-silta, xi nsibu f'Buġibba?
(a) <u>Dolmen u menħir.</u>
(b) Statwa ta' San Pawl.
(ċ) Mużew tal-antikità.

3. Il-fdal ta' villa Rumana jinsab
(a) bħala parti minn lukanda moderna.
(b) <u>biswit il-kappella ta' San Pawl f'Burmarrad.</u>
(ċ) ħdejn ir-raddi preistoriċi.

4. Il-post għat-tkabbir tan-naħal huwa
(a) <u>ta' żmien ir-Rumani.</u>
(b) ta' żmien preistoriku.
(ċ) tal-lukanda moderna.

5. Liema minn dawn ma tissemmiex fis-silta?
(a) Il-preżenza tat-Torri ta' Wignacourt.
(b) L-għarqa ta' San Pawl u sħabu.
(ċ) <u>Id-dehra tat-turisti f'San Pawl il-Baħar.</u>

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

**(Total: 5 marki)**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** Il-kandidat jagħżel **Iż-żgħożija JEW L-edukazzjoni**.

**Iż-żgħożija**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** iż-żgħożija.
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. Taħseb li ż-żgħażagħ tal-lum għandhom ħin biżżejjed biex igawdu ż-żgħożija tagħhom? Għaliex?
ii. X'inhuma d-drittijiet u d-dmirijiet li ż-żgħażagħ għandhom lejn il-pajjiż li jkunu jgħixu fih?
iii. Jingħad li ż-żgħażagħ matul iż-żgħożija tagħhom ikunu moħħ ir-riħ u irresponsabbli. Taqbel ma' dan? Għaliex?
iv. Iż-żgħożija taf tkun kerha jew sabiħa. X'jagħmel żgħożija sabiħa jew kerha?
v. Għaliex taħseb li kultant iż-żgħażagħ u l-adulti ma jifhmux lil xulxin?

**JEW**

**L-edukazzjoni**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** l-edukazzjoni.
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. Għaliex hija importanti l-edukazzjoni għall-bniedem?
ii. Minn fejn għandha tibda l-ewwel l-edukazzjoni? Għaliex?
iii. Taħseb li bniedem edukat huwa biss dak li jkollu ħafna ċertifikati akkademiċi? Għaliex taħseb hekk?
iv. Għaliex għandu jkun hemm rabta bejn l-edukazzjoni u d-dinja tax-xogħol?
v. Għaliex illum il-ġurnata huwa importanti li persuna tibqa' titgħallem tul ħajjitha kollha?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju għani. |

**(Total: 4 marki)**

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** Il-kandidat jagħżel **It-tagħlim tal-lingwi barranin JEW Ġużè Aquilina.**

**It-tagħlim tal-lingwi barranin**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** it-tagħlim tal-lingwi barranin.
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. Għaliex hu importanti li wieħed jitgħallem xi lingwi barranin?
ii. Kif nistgħu nitgħallmu lingwa barranija?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju għani. |

**JEW**

**Ġużè Aquilina**
Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** Ġużè Aquilina.

**X'taf tgħidli fuqu?**
L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet i & ii. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.

i. F'liema żmien għex? (seklu 20 jew 1911-1997)
ii. Għal xiex inhu magħruf l-aktar? (id-dizzjunarju, l-istudju tal-Malti)

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju għani. |

**(Total: 4 marki)**

Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid: **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral |
| DATA: | 5 ta' April 2018 |
| ĦIN: | 15-il minuta |

**SEZZJONI 1Ċ**

**KARTA TAL-KANDIDATI**

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC.
- Qabel tidħol għall-eżami għandek 5 minuti biex tipprepara.
- Dan l-eżami fih sezzjoni tal-qari, sezzjoni tas-smigħ u żewġ diskussjonijiet.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**SILTA GĦALL-QARI** (minuta)

Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'leħen għoli quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.

**Il-Futbol**

L-industrijalizzazzjoni ġabet bosta tibdiliet għall-klassi tal-ħaddiema u fis-seklu dsatax u fl-ewwel nofs tas-seklu għoxrin il-ħaddiema żammew l-attivitajiet tal-ħin liberu tagħhom. Imma l-għaqdiet tar-raħal (l-aktar tal-banda u forsi tal-ħamiem) baqgħu wisq magħluqin; baqgħu marbutin mar-raħal, u għalkemm kellhom xi inizjattivi, dawn l-inizjattivi kienu jkunu kompetittivi mal-eqreb irħula ġirien. Imma l-futbol, bħala sport ta' parteċipazzjoni għall-massa, kiseb importanza li ssuperat lil dik tal-għaqdiet l-oħra. Għen sabiex ir-raħal joħroġ minn qoxortu. Raħal mhux biss ikkompeta ma' ta' ħdejh, imma anki ma' tal-bogħod u mat-timijiet Ingliżi.

**(Total: 2 marki)**

---

**ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET**

**a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**Iż-żgħożija JEW L-edukazzjoni**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

**b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**It-tagħlim tal-lingwi barranin JEW Ġużè Aquilina**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

...

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2018**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | **SEZZJONI 2A** |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | |
| DATA: | 6 ta' April 2018 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

**KARTA TAL-EŻAMINATURI**

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet mogħtija** u għall-iskop ta' standardizzazzjoni jaqra biss dawk miktubin **bold**;
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn;
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

**Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma dan joħroġ mill-kamra tal-eżami.**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta)

L-eżaminatur jgħid: **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'leħen għoli.** Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-kandidat. Huwa għandu jwaqqaf lill-kandidat milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.

**Il-Friefet u l-Baħrijiet**

Il-friefet u l-baħrijiet huma ekoloġikament importanti għax jikkonsmaw materjal tax-xtieli. Mill-banda l-oħra huma jinħatfu minn ħlejjaq oħrajn biex jibbilanċjaw in-natura. Jidher li kellhom, u għad għandhom, influwenza qawwija fuq l-evoluzzjoni tal-ħxejjex li jieklu minnhom u ta' dawk li jdakkru. Ħafna minnhom jeqirdu l-prodotti tal-agrikoltura (bħall-frott u l-kaboċċi) u saħansitra anki jattakkaw ikel maħżun (bħaċ-ċereali u d-dqiq) u ħwejjeġ tal-ilbies, l-aktar dawk maħdumin bis-suf u bil-ħarir. Ftit minnhom biss huma ta' użu dirett għall-bniedem, bħal dawk li jipproduċu l-ħarir jew inkella dawk li jittieklu.

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI |
|---|---|---|
| M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew. | M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub. | Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba. |

**(Total: 2 marki)**

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti)

Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira DARBA BISS. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent/a għax wara se nistaqsik ĦAMES mistoqsijiet fuqha.** L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.

L-iskawting jiġbed lejh nies ta' kull età, l-aktar iż-żgħażagħ. F'din l-organizzazzjoni, il-membri għandhom iċ-ċans jiskopru d-dinja lil hemm mid-dar u mill-klassi waqt li jitgħallmu ħiliet ġodda. Għax l-iskawting jiżviluppa fihom il-ħtieġa li jesploraw, li jiskopru, u li jsiru jafu aktar. Ħafna minn dan jinkiseb bis-saħħa ta' attivitajiet rikreattivi li fl-istess waqt jgħinu liż-żgħażagħ jiżviluppaw fiżikament, intellettwalment, soċjalment, u spiritwalment. Il-fundatur tal-moviment tal-iskawts kien Lord Robert Baden-Powell li twieled Londra u li meta kiber, għamel żmien fl-armata Ingliża fejn iddistingwa ruħu bl-eżempju tajjeb li kien jagħti u bl-inċentivi li kien joħloq biex il-ħajja fir-riġment tiegħu ma tibqax monotona.

L-eżaminatur jgħid: **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli **DARBTEJN** u jagħti madwar **ĦAMES** sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.

1. Din is-silta titkellem fuq
(a) il-moviment tal-iskawts.
(b) ir-rikreazzjoni.
(ċ) l-armata.

2. Skont is-silta, l-iskawts għandhom iċ-ċans
(a) jitkellmu aħjar.
(b) jitgħallmu ħiliet ġodda.
(ċ) jiġru ħafna.

3. L-iskawting jiżviluppa fil-membri l-ħtieġa li
(a) jidħlu fl-armata.
(b) jiktbu.
(ċ) jesploraw.

4. Liema minn dawn mhuwiex imsemmi fis-silta?
(a) L-iżvilupp fiżiku.
(b) L-iżvilupp kulturali.
(ċ) L-iżvilupp intellettwali.

5. Għaliex Lord Baden-Powell kien joħloq l-inċentivi fl-armata?
(a) Biex il-ħajja ma tkunx monotona fir-riġment.
(b) Biex jiġbed in-nies lejh.
(ċ) Biex ikun popolari.

**(Total: 5 marki)**

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** Il-kandidat jagħżel **Il-ġrajjiet kurrenti JEW Ix-xiri**.

**Il-ġrajjiet kurrenti**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** il-ġrajjiet kurrenti.
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. X'tifhem bi ġrajjiet kurrenti? Agħti xi eżempju.
ii. Għaliex huwa importanti li wieħed ikun aġġornat mal-ġrajjiet kurrenti?
iii. Liema taħseb li huma dawk il-ġrajjiet kurrenti li l-aktar jiġbdu l-attenzjoni taż-żgħażagħ?
iv. X'mezzi tax-xandir insibu llum, li jwasslulna l-ġrajjiet kurrenti?
v. X'funzjoni u responsabilità għandhom il-mezzi ta' komunikazzjoni fejn jidħlu ġrajjiet kurrenti?

**JEW**

**Ix-xiri**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** ix-xiri.
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. Kif tħobb tixtri l-aktar: billi tmur fil-ħwienet jew billi tixtri *online*, saħansitra minn siti barranin? Għaliex?
ii. X'inhuma l-vantaġġi u l-iżvantaġġi li tixtri *online*?
iii. Int tixtri li jkollok bżonn biss jew tixtri affarijiet biex tgħid li xtrajthom mingħajr ma jkollok bżonnhom? Għaliex?
iv. Bosta jgħidu li x-xiri jista' jsir vizzju bħal kull vizzju ieħor li diffiċli toħroġ minnu. Taqbel ma' dan? Għaliex?
v. Bosta jisħqu li jekk tixtri *online* tista' tnaqqas ix-xiri u l-bejgħ tal-ħwienet. Taħseb li għandhom raġun jgħidu hekk? Għaliex?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju għani. |

**(Total: 4 marki)**

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** Il-kandidat jagħżel **Il-bilingwiżmu JEW Ġan Franġisk Agius de Soldanis.**

**Il-bilingwiżmu**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** il-bilingwiżmu. Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. Fil-Gżejjer Maltin l-ilsien Malti huwa l-ilsien nazzjonali filwaqt li l-Malti u l-Ingliż huma l-ilsna uffiċjali. X'taħseb li huma l-benefiċċji li l-poplu Malti, bħala poplu bilingwi, jista' jakkwista mill-fatt li l-Ingliż huwa wkoll lingwa uffiċjali tagħna?
ii. Taħseb li hija realtà f'pajjiżna li ċerti Maltin iħarsu lejn l-Ingliż bħala superjuri għall-Malti jew bil-kontra, jiġifieri l-Malti superjuri għall-Ingliż? Jekk iva, għaliex taħseb hekk u x'jikkawża dan? Jekk le, għaliex taħseb hekk?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju għani. |

**JEW**

**Ġan Franġisk Agius de Soldanis**
Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** Ġan Franġisk Agius De Soldanis.

**X'taf tgħidli fuqu?**
L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet i & ii. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.

i. F'liema żmien għex? (seklu 18 jew 1712-1770)
ii. X'kien il-kontribut ta' Ġan Franġisk Agius de Soldanis għall-iżvilupp tal-ilsien Malti? (dizzjunarju, l-ewwel grammatika stampata, djalogi)

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju għani. |

**(Total: 4 marki)**

Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid: **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral |
| DATA: | 6 ta' April 2018 |
| ĦIN: | 15-il minuta |

**SEZZJONI 2A**

**KARTA TAL-KANDIDATI**

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC.
- Qabel tidħol għall-eżami għandek 5 minuti biex tipprepara.
- Dan l-eżami fih sezzjoni tal-qari, sezzjoni tas-smigħ u żewġ diskussjonijiet.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**SILTA GĦALL-QARI** (minuta)

Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'leħen għoli quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.

**Il-Friefet u l-Baħrijiet**

Il-friefet u l-baħrijiet huma ekoloġikament importanti għax jikkonsmaw materjal tax-xtieli. Mill-banda l-oħra huma jinħatfu minn ħlejjaq oħrajn biex jibbilanċjaw in-natura. Jidher li kellhom, u għad għandhom, influwenza qawwija fuq l-evoluzzjoni tal-ħxejjex li jieklu minnhom u ta' dawk li jdakkru. Ħafna minnhom jeqirdu l-prodotti tal-agrikoltura (bħall-frott u l-kaboċċi) u saħansitra anki jattakkaw ikel maħżun (bħaċ-ċereali u d-dqiq) u ħwejjeġ tal-ilbies, l-aktar dawk maħdumin bis-suf u bil-ħarir. Ftit minnhom biss huma ta' użu dirett għall-bniedem, bħal dawk li jipproduċu l-ħarir jew inkella dawk li jittieklu.

**(Total: 2 marki)**

---

**ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET**

**a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**Il-ġrajjiet kurrenti JEW Ix-xiri**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

**b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**Il-bilingwiżmu JEW Ġan Franġisk Agius de Soldanis**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

...

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2018**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | **SEZZJONI 2B** |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | |
| DATA: | 6 ta' April 2018 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

**KARTA TAL-EŻAMINATURI**

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet mogħtija** u għall-iskop ta' standardizzazzjoni jaqra biss dawk miktubin **bold**;
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn;
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

**Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma dan joħroġ mill-kamra tal-eżami.**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta)

L-eżaminatur jgħid: **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'leħen għoli.** Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-kandidat. Huwa għandu jwaqqaf lill-kandidat milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.

**Il-Bidla fil-Klima**

Il-bidla fil-klima ilha tinkwieta lill-bniedem ħafna. Din il-bidla qed iġġib bosta effetti li ma nixtiquhomx bħal, pereżempju, kwalità inqas tajba tal-ilma għax-xorb, taqliba fit-temp, żieda fit-telf tal-ħamrija, u aktar deżertifikazzjoni. Anki l-bidliet fil-baħar jaffettwaw il-ħut li nieklu. Dan kollu jista' jhedded sew is-saħħa pubblika. Kulħadd jista' jgħin biex jitnaqqsu l-problemi li ġġib magħha din il-bidla. Ngħidu aħna, ninqdew inqas bil-karozzi privati u nużaw aktar it-transport pubbliku, ma naħlux ilma u elettriku, u ninstallaw fid-djar sorsi ta' enerġija li tiġġedded.

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI |
|---|---|---|
| M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew. | M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub. | Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba. |

**(Total: 2 marki)**

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti)

Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira DARBA BISS. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent/a għax wara se nistaqsik ĦAMES mistoqsijiet fuqha.** L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.

Xiri mill-bogħod normalment isir minn ġewwa djarna, bil-mezzi ta' komunikazzjoni bħat-televixin, il-katalgi, u l-internet. Ngħidulu mill-bogħod dan it-tip ta' xiri għaliex il-bejjiegħ u x-xerrej ma jiltaqgħux personalment waqt li jkun qed isir il-bejgħ. Vantaġġ li dan it-tip ta' xiri jista' jkollu huwa l-fatt li ma noqogħdux nitilfu żmien induru minn ħanut għall-ieħor. Però, għandu wkoll l-iżvantaġġi tiegħu. Pereżempju, ma tistax tara l-oġġett kif jidher fil-verità, għax int tkun qed tarah fuq skrin ta' televixin, fuq il-*monitor* tal-kompjuter, jew inkella fuq katalgu. Barra minn hekk, l-għażla tiegħek tkun limitata, għaliex ma jkollokx il-possibilità li tqabbel prodott ma' ieħor, bħal meta toħroġ mid-dar iddur il-ħwienet.

L-eżaminatur jgħid: **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli **DARBTEJN** u jagħti madwar **ĦAMES** sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.

1. Din is-silta titkellem fuq
(a) il-mezzi ta' komunikazzjoni.
(b) ix-xiri mid-dar tagħna.
(ċ) il-prodotti tal-ħwienet.

2. Il-mezzi ta' komunikazzjoni msemmijin huma:
(a) it-televixin, ir-radju, u l-gazzetti.
(b) it-televixin, il-katalgi, u l-internet.
(ċ) il-magażins u r-radju.

3. Liema żvantaġġ minn dawn li ġejjin mhuwiex imsemmi fis-silta?
(a) Ma tistax tara l-oġġett kif jidher fil-verità.
(b) Ma tistax tqabbel prodott ma' ieħor.
(ċ) Tonfoq bl-addoċċ għax ma toħroġx il-flus dak il-ħin.

4. Skont is-silta, meta tmur tixtri personalment mill-ħwienet
(a) tagħmel ftit eżerċizzju.
(b) tiltaqa' man-nies.
(ċ) tkun tista' tqabbel il-prodotti ma' xulxin.

5. Liema sentenza minn dawn li ġejjin tissemma fis-silta? Il-bejjiegħ u x-xerrej
(a) jiltaqgħu waqt il-bejgħ.
(b) ma jiltaqgħux personalment.
(ċ) ma jkunux jafu lil xulxin.

**(Total: 5 marki)**

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

**3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET**

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** Il-kandidat jagħżel **L-ambjent naturali JEW L-ivvjaġġar**.

**L-ambjent tad-dar**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** l-ambjent tad-dar. Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. Fejn tippreferi li jkollok id-dar tiegħek: f'belt jew f'raħal? Għaliex?
ii. X'tippreferi: tgħix f'dar kbira jew f'dar żgħira? Għaliex?
iii. Liema hija l-aktar kamra għal qalbek fid-dar fejn toqgħod illum? Għaliex?
iv. Kif tippreferi tarma l-ambjent tad-dar, fuq stil modern jew fuq stil antik? Għaliex?
v. X'jagħmel ambjent tad-dar sabiħ jew ikrah? Għaliex taħseb hekk?

**JEW**

**L-ivvjaġġar**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** l-ivvjaġġar. Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. Għaliex jivvjaġġa l-bniedem tal-lum?
ii. Xi jfisser l-ivvjaġġar għalik? Għaliex?
iii. F'liema pajjiżi tixtieq tmur? Għaliex?
iv. B'liema mezz ta' transport tippreferi tivvjaġġa l-aktar? Għaliex?
v. Il-biża' tat-terroriżmu taħseb li affettwa l-ivvjaġġar tal-Maltin? Għaliex taħseb hekk?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju għani. |

**(Total: 4 marki)**

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** Il-kandidat jagħżel **Il-Malti safi JEW Ġużè Muscat Azzopardi.**

**Il-Malti Safi**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** il-Malti safi.
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. X'kien il-ħsieb ewlieni ta' dawk li ħadmu sabiex ikollna Malti safi? Kemm taħseb li dan il-ħsieb jagħmel sens meta tikkonsidra l-iżvilupp storiku ta' kif żviluppa lsienna?
ii. Lingwa tibqa' ħajja sakemm jibqa' jużaha l-poplu u għalhekk tibqa' taġġorna ruħha wkoll billi tagħmel tagħha kliem ta' nisel barrani. Kemm taqbel ma' dan meta tikkunsidrah fid-dawl tal-Malti safi?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju għani. |

**JEW**

**Ġużè Muscat Azzopardi**
Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** Ġużè Muscat Azzopardi.

**X'taf tgħidli fuqu?**
L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet i & ii. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.

i. F'liema żmien għex? (sekli 19 u 20 jew 1853-1927)
ii. Għal xiex inhu magħruf l-aktar? (ir-rumanzi)

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju għani. |

**(Total: 4 marki)**

Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid: **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral |
| DATA: | 6 ta' April 2018 |
| ĦIN: | 15-il minuta |

**SEZZJONI 2B**

**KARTA TAL-KANDIDATI**

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC.
- Qabel tidħol għall-eżami għandek 5 minuti biex tipprepara.
- Dan l-eżami fih sezzjoni tal-qari, sezzjoni tas-smigħ u żewġ diskussjonijiet.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**SILTA GĦALL-QARI** (minuta)

Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'leħen għoli quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.

**Il-Bidla fil-Klima**

Il-bidla fil-klima ilha tinkwieta lill-bniedem ħafna. Din il-bidla qed iġġib bosta effetti li ma nixtiquhomx bħal, pereżempju, kwalità inqas tajba tal-ilma għax-xorb, taqliba fit-temp, żieda fit-telf tal-ħamrija, u aktar deżertifikazzjoni. Anki l-bidliet fil-baħar jaffettwaw il-ħut li nieklu. Dan kollu jista' jhedded sew is-saħħa pubblika. Kulħadd jista' jgħin biex jitnaqqsu l-problemi li ġġib magħha din il-bidla. Ngħidu aħna, ninqdew inqas bil-karozzi privati u nużaw aktar it-transport pubbliku, ma naħlux ilma u elettriku, u ninstallaw fid-djar sorsi ta' enerġija li tiġġedded.

**(Total: 2 marki)**

---

**ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET**

**a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**L-ambjent tad-dar JEW L-ivvjaġġar**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

**b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**Il-Malti safi JEW Ġużè Muscat Azzopardi**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

**. . .**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral |
| DATA: | 6 ta' April 2018 |
| ĦIN: | 15-il minuta |

**SEZZJONI 2Ċ**

**KARTA TAL-EŻAMINATURI**

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet mogħtija** u għall-iskop ta' standardizzazzjoni jaqra biss dawk miktubin **bold**;
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn;
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

**Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma dan joħroġ mill-kamra tal-eżami.**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta)

L-eżaminatur jgħid: **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'leħen għoli.** Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-kandidat. Huwa għandu jwaqqaf lill-kandidat milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.

**Il-Mistrieħ**

Fl-imgħoddi l-attivitajiet ta' mistrieħ l-aktar li kienu jkunu marbutin mal-knisja l-kbira u l-każini tal-banda tal-belt jew raħal. Iċ-ċelebrazzjonijiet tal-festi tal-irħula u tal-ibliet kienu jagħtu ċ-ċans lin-nies sabiex jiltaqgħu soċjalment ma' xulxin u jqattgħu ftit ħin flimkien. L-attivitajiet, ħafna drabi, kienu jkunu kkonċentrati fil-pjazza ewlenija. Illum inbidel l-istil tal-ħajja tal-Maltin, u l-attivitajiet ta' mistrieħ m'għadhomx biss marbutin mill-qrib mal-pjazez għax in-nies qed ifittxu d-divertiment tagħhom 'il barra mir-raħal jew belt tagħhom. U hemm ukoll il-bosta programmi ta' mistrieħ li joffri l-internet.

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI |
|---|---|---|
| M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew. | M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub. | Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba. |

**(Total: 2 marki)**

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti)

Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira DARBA BISS. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent/a għax wara se nistaqsik ĦAMES mistoqsijiet fuqha.** L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.

Mhumiex biss l-istress u t-tensjoni li jqabbduk l-uġigħ ta' ras. Imma s-sħana u l-bard jistgħu wkoll iqabbduk uġigħ ta' ras għax hawn min, filwaqt li jilgħaq ix-xemx bħall-qtates, kif iħoss nitfa bard, jispiċċa b'uġigħ ta' ras idoqq l-iskotti. Mill-banda l-oħra, hawn min jieħu gost jitleflef u joħroġlok f'bard qieraħ, imma kif toħroġ ix-xemx, arah jokrob b'rasu. Iż-żewġ kwalitajiet ta' temp jistgħu joħolqu l-uġigħ ta' ras. Anki l-qagħda ta' bilqiegħda tista' tqabbdek uġigħ ta' ras. Jekk tħobb titkebbeb bilqiegħda u x-xewka ta' dahrek ma tkunx dritta fuq is-sodda jew quddiem kompjuter jew televixin, dan joħloq tagħwiġ fl-għonq u jqabbdek uġigħ ta' ras.

***L-eżaminatur jgħid:*** **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli **DARBTEJN** u jagħti madwar **ĦAMES** sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.

1. Din is-silta titkellem fuq
(a) kif tfejjaq l-uġigħ ta' ras.
(b) x'joħloq l-uġigħ ta' ras.
(ċ) kif tevita l-uġigħ ta' ras.

2. Skont is-silta, liema minn dawn iqabbduk uġigħ ta' ras?
(a) L-istress u t-tensjoni.
(b) Il-qtates fix-xemx.
(ċ) Il-ħsejjes tal-iskotti.

3. Liema minn dawn mhumiex imsemmijin fis-silta?
(a) Is-sħana u l-bard.
(b) Il-qagħdiet ħżiena ta' bilwieqfa.
(ċ) Il-qagħdiet mgħawġa ta' bilqiegħda.

4. Skont is-silta, min jitkebbeb bilqiegħda
(a) ma jkollux ix-xewka ta' dahru dritta.
(b) jibqa' mgezzez fis-sħana.
(ċ) ikun komdu ħafna.

5. Skont is-silta, wieħed jista' joqgħod mgħawweġ bilqiegħda
(a) madwar mejda tal-ikel.
(b) fuq sufan.
(ċ) quddiem kompjuter jew televixin.

**(Total: 5 marki)**

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** Il-kandidat jagħżel **L-ambjent tad-dar JEW Iż-żgħożija**.

**L-ambjent naturali**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** l-ambjent naturali.
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. X'tifhem b'*ambjent naturali*?
ii. Għaliex huwa importanti l-ambjent naturali fil-ħajja tal-bniedem?
iii. X'taħseb li huma r-responsabilitajiet ta' kull individwu lejn l-ambjent naturali?
iv. Kif jista' l-bniedem ifixkel l-ambjent naturali?
v. Aħna l-Maltin qegħdin nagħmlu biżżejjed biex inħarsu l-ambjent naturali tagħna? Għaliex?

**JEW**

**Iż-żgħożija**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** iż-żgħożija.
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. Taħseb li ż-żgħażagħ tal-lum għandhom ħin biżżejjed biex igawdu ż-żgħożija tagħhom? Għaliex?
ii. X'taħseb li huma d-drittijiet u d-dmirijiet li ż-żgħażagħ għandhom lejn il-pajjiż li jkunu qed jgħixu fih?
iii. Jingħad li ż-żgħażagħ matul iż-żgħożija tagħhom ikunu moħħ ir-riħ u irresponsabbli. Taqbel ma' dan? Għaliex?
iv. Iż-żgħożija taf tkun kerha jew sabiħa. X'jagħmel żgħożija sabiħa jew kerha?
v. X'jista' jsir biex iż-żgħażagħ u l-adulti jaslu jifhmu aktar lil xulxin?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju għani. |

**(Total: 4 marki)**

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** Il-kandidat jagħżel **It-tagħlim tal-lingwi barranin JEW Ninu Cremona.**

**It-tagħlim tal-lingwi barranin**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** it-tagħlim tal-lingwi barranin.
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. Taħseb li huwa importanti u ta' għajnuna li ssir midħla tal-kultura ta' dak il-pajjiż barrani li tiegħu tkun qed titgħallem il-lingwa? Għaliex?
ii. X'vantaġġi hemm fit-tagħlim ta' lingwi barranin?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju għani. |

**JEW**

**Ninu Cremona**
Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** Ninu Cremona.

**X'taf tgħidli fuqu?**
L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet i & ii. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.

i. F'liema żmien għex? (sekli 19 u 20 jew 1880-1972)
ii. X'kien il-kontribut ta' Ninu Cremona għall-iżvilupp tal-ilsien Malti? (il-grammatika, l-ortografija)

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju għani. |

**(Total: 4 marki)**

Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid: **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral |
| DATA: | 6 ta' April 2018 |
| ĦIN: | 15-il minuta |

**SEZZJONI 2Ċ**

**KARTA TAL-KANDIDATI**

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC.
- Qabel tidħol għall-eżami għandek 5 minuti biex tipprepara.
- Dan l-eżami fih sezzjoni tal-qari, sezzjoni tas-smigħ u żewġ diskussjonijiet.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**SILTA GĦALL-QARI** (minuta)

Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'leħen għoli quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.

**Il-Mistrieħ**

Fl-imgħoddi l-attivitajiet ta' mistrieħ l-aktar li kienu jkunu marbutin mal-knisja l-kbira u l-każini tal-banda tal-belt jew raħal. Iċ-ċelebrazzjonijiet tal-festi tal-irħula u tal-ibliet kienu jagħtu ċ-ċans lin-nies sabiex jiltaqgħu soċjalment ma' xulxin u jqattgħu ftit ħin flimkien. L-attivitajiet, ħafna drabi, kienu jkunu kkonċentrati fil-pjazza ewlenija. Illum inbidel l-istil tal-ħajja tal-Maltin, u l-attivitajiet ta' mistrieħ m'għadhomx biss marbutin mill-qrib mal-pjazez għax in-nies qed ifittxu d-divertiment tagħhom 'il barra mir-raħal jew belt tagħhom. U hemm ukoll il-bosta programmi ta' mistrieħ li joffri l-internet.

**(Total: 2 marki)**

---

**ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET**

**a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**L-ambjent naturali JEW Iż-żgħożija**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

**b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**It-tagħlim tal-lingwi barranin JEW Ninu Cremona**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

▪ ▪ ▪

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral |
| DATA: | 9 ta' April 2018 |
| ĦIN: | 15-il minuta |

**SEZZJONI 3A**

**KARTA TAL-EŻAMINATURI**

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet mogħtija** u għall-iskop ta' standardizzazzjoni jaqra biss dawk miktubin **bold**;
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn;
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

**Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma dan joħroġ mill-kamra tal-eżami.**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta)

L-eżaminatur jgħid: **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'leħen għoli.** Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-kandidat. Huwa għandu jwaqqaf lill-kandidat milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.

**It-Tazza tad-Dinja**

It-Tazza tad-Dinja hija kompetizzjoni internazzjonali tal-futbol li jieħdu sehem fiha bosta timijiet nazzjonali. Tiġi organizzata kull erba' snin u ddum sejra, bejn wieħed u ieħor, xahar. Il-format tal-kompetizzjoni jinvolvi l-fażi ta' kwalifikazzjoni li twassal għall-Finali tat-Tazza tad-Dinja. Din il-kompetizzjoni hija l-aktar waħda importanti fid-dinja u miljuni jarawha fuq it-televixin; u eluf imorru f'dak il-pajjiż fejn tkun qiegħda ssir u jibbukkjaw postijiet fil-grawnds differenti fejn ikunu se jintlagħbu l-partiti. Fil-pajjiż tat-tim li jirbaħ it-Tazza tad-Dinja jkun hemm ħafna ċelebrazzjonijiet f'ġieħ iċ-ċampjins tad-dinja.

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI |
|---|---|---|
| M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew. | M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub. | Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba. |

**(Total: 2 marki)**

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti)

Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira DARBA BISS. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent/a għax wara se nistaqsik ĦAMES mistoqsijiet fuqha.** L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.

F'parroċċi fejn hemm dedikazzjoni kbira għall-festa ssib għadd kbir ta' żgħażagħ li jinvolvu ruħhom fid-diversi gruppi tal-parroċċa. L-iktar għaqdiet popolari maż-żgħażagħ tal-ibliet huma dawk tal-armar u l-każini tal-banda. Issib numri kbar ta' żgħażagħ iqattgħu ġranet sħaħ u ġieli anki ljieli sabiex jarmaw it-toroq tal-lokal tagħhom bl-isbaħ dekorazzjonijiet possibbli. Tarahom jaħdmu fuq pavaljuni l-ġmiel tagħhom, bil-pitturi u ħjata tad-deheb, idendlu l-fustuni, jagħmlu armar għall-briju, jarmaw il-planċier, jiżbgħu l-każin, u ħafna affarijiet oħra. Imbagħad issib dawk iż-żgħażagħ li jidħlu jdoqqu mal-banda u dakinhar tal-festa tarahom għaddejjin kburin bl-istrument tagħhom filwaqt li jdoqqu n-noti brijużi tal-marċi u jferrħu lil kulħadd.

L-eżaminatur jgħid: **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli **DARBTEJN** u jagħti madwar **ĦAMES** sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.

1. Din is-silta titkellem fuq
(a) il-pitturi tal-festa.
(b) <u>il-festi u ż-żgħażagħ.</u>
(ċ) il-banda tal-festa.

2. Liema minn dawn ma tissemmiex fis-silta?
(a) <u>L-għaqdiet tal-pitturi.</u>
(b) L-għaqdiet tal-armar.
(ċ) Il-każini tal-banda.

3. Skont is-silta,iż-żgħażagħ iqattgħu jiem sħaħ
(a) jilagħbu.
(b) <u>jarmaw it-toroq tal-lokal.</u>
(ċ) ikantaw.

4. Skont is-silta, bħala tiżjin jissemmew
(a) <u>il-pavaljuni u l-fustuni.</u>
(b) il-karti tal-kulur.
(ċ) il-purtieri tad-damask.

5. Nhar il-festa l-banda ddoqq
(a) innijiet reliġjużi.
(b) <u>marċi brijużi li jferrħu lil kulħadd.</u>
(ċ) għanjiet tradizzjonali.

**(Total: 5 marki)**

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

### (a) Diskussjoni fuq tema kurrenti (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** Il-kandidat jagħżel **Id-divertiment JEW Il-kura tas-saħħa**.

**Id-divertiment**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** id-divertiment. Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. Int kif tħobb tiddeverti l-aktar?
ii. Kif issib ħin fil-ġurnata tiegħek għad-divertiment?
iii. Il-bniedem bix-xogħol biss u mingħajr divertiment jinħakem minn ansjetà u stress. Taqbel ma' dan? Għaliex?
iv. Taħseb li t-tip ta' divertiment li jfittxu ż-żgħażagħ huwa differenti minn dak li jfittxu l-adulti? Għaliex taħseb hekk?
v. X'taħseb dwar il-postijiet ta' divertiment għaż-żgħażagħ li għandna f'pajjiżna?

**JEW**

**Il-kura tas-saħħa**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** il-kura tas-saħħa. Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. Għaliex taħseb li l-bniedem għandu jieħu ħsieb saħħtu?
ii. Jgħidu li t-tip ta' ikel li nieklu għandu sehem importanti fil-ħarsien u l-kura ta' saħħitna. Għaliex?
iii. L-eżerċizzju fiżiku hu importanti fil-ħarsien u l-kura ta' saħħitna. Kif jgħinna dan?
iv. Int x'tagħmel biex tieħu ħsieb saħħtek?
v. Taħseb li l-poplu Malti huwa konxju ta' saħħtu? Għaliex?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju għani. |

**(Total: 4 marki)**

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** Il-kandidat jagħżel **Il-bilingwiżmu JEW Pietru Pawl Saydon**.

**Il-bilingwiżmu**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** il-bilingwiżmu. Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. X'tifhem bil-kelma *bilingwiżmu*?
ii. Għaliex huwa importanti l-bilingwiżmu (Malti u Ingliż) għalina l-Maltin?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju għani. |

**JEW**

**Pietru Pawl Saydon**
Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** Pietru Pawl Saydon.

**X'taf tgħidli fuqu?**
L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet i & ii. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.

i. F'liema żmien għex? (seklu 20 jew 1895-1971)
ii. Għal xiex inhu magħruf l-aktar? (it-traduzzjoni tal-Bibbja)

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju għani. |

**(Total: 4 marki)**

Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid: **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2018**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | **SEZZJONI 3A** |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | |
| DATA: | 9 ta' April 2018 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

**KARTA TAL-KANDIDATI**

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC.
- Qabel tidħol għall-eżami għandek 5 minuti biex tipprepara.
- Dan l-eżami fih sezzjoni tal-qari, sezzjoni tas-smigħ u żewġ diskussjonijiet.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**SILTA GĦALL-QARI** (minuta)

Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'leħen għoli quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.

**It-Tazza tad-Dinja**

It-Tazza tad-Dinja hija kompetizzjoni internazzjonali tal-futbol li jieħdu sehem fiha bosta timijiet nazzjonali. Tiġi organizzata kull erba' snin u ddum sejra bejn wieħed u ieħor xahar. Il-format tal-kompetizzjoni jinvolvi l-fażi ta' kwalifikazzjoni, li twassal għall-Finali tat-Tazza tad-Dinja. Din il-kompetizzjoni hija l-aktar waħda importanti fid-dinja u miljuni jarawha fuq it-televixin; u eluf imorru f'dak il-pajjiż fejn tkun qiegħda ssir u jibbukkjaw postijiet fil-grawnds differenti fejn ikunu se jintlagħbu l-partiti. Fil-pajjiż tat-tim li jirbaħ it-Tazza tad-Dinja jkun hemm ħafna ċelebrazzjonijiet f'ġieħ iċ-ċampjins tad-dinja.

**(Total: 2 marki)**

---

**ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET**

**a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**Id-divertiment JEW Il-kura tas-saħħa**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

**b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**Il-bilingwiżmu JEW Pietru Pawl Saydon**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

**. . .**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral |
| DATA: | 9 ta' April 2018 |
| ĦIN: | 15-il minuta |

**SEZZJONI 3B**

**KARTA TAL-EŻAMINATURI**

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet mogħtija** u għall-iskop ta' standardizzazzjoni jaqra biss dawk miktubin **bold**;
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn;
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

**Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma dan joħroġ mill-kamra tal-eżami.**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta)

L-eżaminatur jgħid: **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'leħen għoli.** Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-kandidat. Huwa għandu jwaqqaf lill-kandidat milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.

**Il-Bastimenti**

F'Malta l-Ordni investa ħafna fil-bastimenti tiegħu, għax il-bastiment kien l-aktar magna qawwija fid-dinja ta' dik il-ħabta: il-bastiment tal-merkanzija kien qawwi fl-iżvilupp tal-kummerċ u l-bastiment tal-gwerra biddel l-istrateġiji tal-battalji navali. Is-sengħa tat-tbaħħir titlob għaqda ta' ħafna nies, fosthom il-bennej (bħall-mastrudaxxa), il-baħri (bħat-tmunier), l-awżiljarju (bħat-tabib), u l-ġellied (bħall-kavallier). Hija sengħa li tħaddan magħha bosta servizzi u minn dejjem kienet meqjusa bħala industrija ewlenija ta' pajjiżna. U meta nispjegawha din is-sengħa, bl-iżvilupp kontinwu u twil tagħha, inkunu qegħdin nesploraw it-teknoloġija li kellha ssawwar il-qofol taċ-ċiviltà moderna.

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI |
|---|---|---|
| M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew. | M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub. | Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba. |

**(Total: 2 marki)**

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti)

Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira DARBA BISS. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent/a għax wara se nistaqsik ĦAMES mistoqsijiet fuqha.** L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.

Qabel ma l-bniedem beda jikteb kien xorta waħda jaħseb u jlissen l-għerf tiegħu biex ifisser fehmtu fuq id-dinja, fuqu nnifsu, u fuq l-oħrajn. L-għerf mhux miktub kien jgħaddi minn ġenerazzjoni għal oħra bis-saħħa tal-memorja, li hi parti mir-ruħ ta' kull pajjiż. B'hekk ġara li dan l-għerf ma ntilifx għaliex baqa' miftakar. Maż-żmien dan l-għarfien tal-ħajja beda jinkiteb. Kull qawl huwa nnifsu dokument tal-ħsieb ta' nies li matul iż-żmien ħassew il-ħtieġa li jfissru ruħhom u jaslu għal xi konklużjoni dwar il-ħajja. Il-proverbji huma tassew maħżen ta' għerf, esperjenzi, riflessjonijiet, u tagħlim. U jibqgħu dejjem interessanti għal xi raġuni jew oħra, minkejja li ż-żminijiet jinbidlu.

L-eżaminatur jgħid: **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli **DARBTEJN** u jagħti madwar **ĦAMES** sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.

1. Din is-silta titkellem fuq
(a) <u>il-qwiel.</u>
(b) il-kitba.
(ċ) il-memorja.

2. Il-kittieb jgħidilna li minn dejjem il-bniedem kien ifisser fehmtu
(a) fuq il-kitba.
(b) <u>fuq id-dinja, fuqu nnifsu, u fuq l-oħrajn.</u>
(ċ) fuq il-memorja.

3. Skont il-kittieb, x'inhi l-memorja?
(a) <u>Parti mir-ruħ ta' kull pajjiż.</u>
(b) Ġenerazzjonijiet differenti.
(ċ) Żminijiet li jinbidlu.

4. Liema idea minn dawn li ġejjin ma nsibuhiex fis-silta?
(a) Il-qawl huwa dokument tal-ħsieb.
(b) <u>L-għarfien tal-ħajja qatt ma nkiteb.</u>
(ċ) Il-proverbji huma maħżen tal-għerf.

5. Skont is-silta, matul iż-żmien in-nies ħassew il-ħtieġa li
(a) jippruvaw jitkellmu.
(b) jinbidlu.
(ċ) <u>jaslu għal xi konklużjoni dwar il-ħajja.</u>

**(Total: 5 marki)**

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** Il-kandidat jagħżel **L-ambjent tad-dar JEW L-edukazzjoni**.

**L-ambjent tad-dar**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** l-ambjent tad-dar. Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. Liema hija l-aktar kamra għal qalbek fid-dar li tgħix fiha? Għaliex hija daqshekk għal qalbek?
ii. Fejn tippreferi tgħix: f'dar kbira jew f'dar żgħira? Għaliex?
iii. Tippreferi tgħix f'dar b'ħafna sulari jew waħda b'sular wieħed? Għaliex?
iv. Kif tippreferi tarma l-ambjent tad-dar, fuq stil modern jew fuq stil antik?
v. Fil-fehma tiegħek, x'jagħmel ambjent tad-dar sabiħ jew ikrah?

**JEW**

**L-edukazzjoni**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** l-edukazzjoni. Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. Għaliex hija importanti l-edukazzjoni għall-bniedem?
ii. L-edukazzjoni minn fejn għandha tibda l-ewwel? Għaliex?
iii. Il-bniedem edukat huwa dak biss li jkollu ħafna ċertifikati akkademiċi?
iv. Għaliex taħseb li għandu jkun hemm rabta bejn l-edukazzjoni u d-dinja tax-xogħol?
v. Għaliex illum il-ġurnata huwa importanti li persuna tibqa' titgħallem tul ħajjitha kollha?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju għani. |

**(Total: 4 marki)**

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** Il-kandidat jagħżel **Il-Malti Safi**
**JEW Mikiel Anton Vassalli.**

**Il-Malti Safi**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** il-Malti safi. Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. Spjega x'tifhem meta ngħidu *Malti safi*.
ii. L-ilsien Malti hu dak li hu minħabba t-taħlit lessikali u morfoloġiku minn ilsna barranin. Kemm taħseb li tagħmel sens l-idea ta' Malti safi meta nafu b'dan?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju għani. |

**JEW**

**Mikiel Anton Vassalli**
Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** Mikiel Anton Vassalli.

**X'taf tgħidli fuqu?**
L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet i & ii. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.

i. F'liema żmien għex? (sekli 18 u 19 jew 1764-1829)
ii. X'kien il-kontribut ta' Mikiel Anton Vassalli għall-iżvilupp tal-ilsien Malti? (dizzjunarju, grammatika)

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju għani. |

**(Total: 4 marki)**

Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid: **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral |
| DATA: | 9 ta' April 2018 |
| ĦIN: | 15-il minuta |

**SEZZJONI 3B**

**KARTA TAL-KANDIDATI**

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC.
- Qabel tidħol għall-eżami għandek 5 minuti biex tipprepara.
- Dan l-eżami fih sezzjoni tal-qari, sezzjoni tas-smigħ u żewġ diskussjonijiet.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**SILTA GĦALL-QARI** (minuta)

Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'leħen għoli quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.

**Il-Bastimenti**

F'Malta l-Ordni investa ħafna fil-bastimenti tiegħu, għax il-bastiment kien l-aktar magna qawwija fid-dinja ta' dik il-ħabta: il-bastiment tal-merkanzija kien qawwi fl-iżvilupp tal-kummerċ u l-bastiment tal-gwerra biddel l-istrateġiji tal-battalji navali. Is-sengħa tat-tbaħħir titlob għaqda ta' ħafna nies, fosthom il-bennej (bħall-mastrudaxxa), il-baħri (bħat-tmunier), l-awżiljarju (bħat-tabib), u l-ġellied (bħall-kavallier). Hija sengħa li tħaddan magħha bosta servizzi u minn dejjem kienet meqjusa bħala industrija ewlenija ta' pajjiżna. U meta nispjegawha din is-sengħa, bl-iżvilupp kontinwu u twil tagħha, inkunu qegħdin nesploraw it-teknoloġija li kellha ssawwar il-qofol taċ-ċiviltà moderna.

**(Total: 2 marki)**

---

**ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET**

**a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**L-ambjent tad-dar JEW L-edukazzjoni**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

**b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**Il-Malti Safi JEW Mikiel Anton Vassalli**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

...

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral |
| DATA: | 9 ta' April 2018 |
| ĦIN: | 15-il minuta |

**SEZZJONI 3Ċ**

**KARTA TAL-EŻAMINATURI**

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet mogħtija** u għall-iskop ta' standardizzazzjoni jaqra biss dawk miktubin **bold**;
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn;
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

**Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma dan joħroġ mill-kamra tal-eżami.**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta)

L-eżaminatur jgħid: **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'leħen għoli.** Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-kandidat. Huwa għandu jwaqqaf lill-kandidat milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.

**L-Edukazzjoni**

Billi l-industriji bdew iridu aktar nies b'edukazzjoni aħjar, beda jkun hawn fis-soċjetà titjib fil-mod ta' għajxien. B'hekk sar aktar avvanz fl-edukazzjoni tajba, u l-awtoritajiet kellhom jestendu l-età obbligatorja, jiftħu aktar l-għanijiet tal-edukazzjoni sekondarja, u joħolqu skejjel ġodda biex l-edukazzjoni tilħaq aktar il-ħtiġijiet kontemporanji. Is-seklu għoxrin beda jkun aktar xjentifiku u bilfors kellu jkun hemm żviluppi sostanzjali fl-edukazzjoni teknika. Ir-riformi fl-edukazzjoni ġew minħabba t-talba għall-ġustizzja soċjali, imma llum il-politiċi jiewżnu sew dan il-qasam għax jagħrfu l-importanza tal-edukazzjoni għas-sopravivenza nazzjonali f'dinja kompetittiva u f'ambjent igglobalizzat.

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI |
|---|---|---|
| M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew. | M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub. | Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba. |

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**(Total: 2 marki)**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti)

Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira DARBA BISS. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent/a għax wara se nistaqsik ĦAMES mistoqsijiet fuqha.** L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.

Il-minibaskitbol mhux bħal-logħba tal-baskitbol li naraw fuq it-televixin. Il-baskitbol hija logħba tal-adulti filwaqt li l-minibaskitbol hija logħba adattata għat-tfal taħt it-tnax-il sena. Il-logħba tintlagħab billi jkollok żewġ timijiet jilagħbu kontra xulxin u l-iskop prinċipali hu li tippottja baskits fir-ring li jkun qed jiddefendih it-tim oppost. Din il-logħba hija pjaċevoli minħabba li hija logħba ta' ħeffa, preċiżjoni, u logħba li toffri opportunitajiet ta' espressjoni ta' ħila, personalità, u abilità mingħajr importanza esaġerata lejn ir-rebħ. Infatti f'din il-logħba ma jinżammx skor uffiċjali. L-ispazju ta' fejn tintlagħab il-logħba huwa iċken mill-ispazju tal-baskitbol sabiex il-parteċipanti żgħar ma jegħjewx jiġru 'l fuq u 'l isfel.

L-eżaminatur jgħid: **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli **DARBTEJN** u jagħti madwar **ĦAMES** sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.

1. Din is-silta titkellem fuq il-baskitbol
(a) għall-adulti.
(b) <u>għat-tfal.</u>
(ċ) ta' fuq it-televixin.

2. Il-minibaskitbol qiegħed
(a) <u>għat-tfal taħt it-tnax-il sena.</u>
(b) għall-adulti biss.
(ċ) għat-tfal kollha tal-iskola.

3. Il-logħba tintlagħab minn
(a) erba' timijiet.
(b) tliet timijiet.
(ċ) <u>żewġ timijiet.</u>

4. Liema idea minn dawn li ġejjin ma tissemmiex fis-silta?
(a) Din hija logħba ta' ħeffa.
(b) Il-logħba toffri opportunitajiet ta' espressjoni ta' ħila.
(ċ) <u>Fil-logħba trid bilfors tirbaħ.</u>

5. L-ispazju fejn tintlagħab huwa żgħir biex it-tfal
(a) kollha jieħdu sehem.
(b) <u>ma jegħjewx jiġru 'l hawn u 'l hemm.</u>
(ċ) jimmiraw sew.

**(Total: 5 marki)**

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

### (a) Diskussjoni fuq tema kurrenti (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** Il-kandidat jagħżel **Il-ġrajjiet kurrenti JEW Ix-xiri**.

**Il-ġrajjiet kurrenti**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** il-ġrajjiet kurrenti.
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. X'tifhem bi ġrajjiet kurrenti? Agħti xi eżempju.
ii. Għaliex huwa importanti li wieħed ikun aġġornat mal-ġrajjiet kurrenti?
iii. Liema taħseb li huma dawk il-ġrajjiet kurrenti li l-aktar jiġbdu l-attenzjoni taż-żgħażagħ?
iv. X'mezzi tax-xandir insibu llum, li jwasslulna l-ġrajjiet kurrenti?
v. X'funzjoni u responsabilità għandhom il-mezzi ta' komunikazzjoni fejn jidħlu ġrajjiet kurrenti?

**JEW**

**Ix-xiri**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** ix-xiri.
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. Kif tħobb tixtri l-aktar: billi tmur fil-ħwienet jew billi tixtri *online*, saħansitra minn siti barranin? Għaliex?
ii. X'inhuma l-vantaġġi u l-iżvantaġġi li tixtri *online*?
iii. Int tixtri li jkollok bżonn biss jew tixtri affarijiet biex tgħid li xtrajthom mingħajr ma jkollok bżonnhom? Għaliex?
iv. Bosta jgħidu li x-xiri jista' jsir vizzju bħal kull vizzju ieħor li diffiċli toħroġ minnu. Taqbel ma' dan? Għaliex?
v. Bosta jisħqu li jekk tixtri *online* tista' tnaqqas ix-xiri u l-bejgħ tal-ħwienet. Taħseb li għandhom raġun jgħidu hekk? Għaliex?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju għani. |

**(Total: 4 marki)**

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** Il-kandidat jagħżel **It-tagħlim tal-lingwi barranin JEW Ġan Franġisk Agius de Soldanis.**

**It-tagħlim tal-lingwi barranin**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** it-tagħlim tal-lingwi barranin.
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. Għaliex hu importanti li wieħed jitgħallem xi lingwi barranin?
ii. Kif nistgħu nitgħallmu lingwa barranija?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju għani. |

**JEW**

**Ġan Franġisk Agius de Soldanis**
Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** Ġan Franġisk Agius De Soldanis.

**X'taf tgħidli fuqu?**
L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet i & ii. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.

i. F'liema żmien għex? (seklu 18 jew 1712-1770)
ii. Għal xiex inhu magħruf l-aktar? (dizzjunarju, l-ewwel grammatika stampata, djalogi)

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju għani. |

**(Total: 4 marki)**

Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid: **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral |
| DATA: | 9 ta' April 2018 |
| ĦIN: | 15-il minuta |

**SEZZJONI 3Ċ**

**KARTA TAL-KANDIDATI**

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC.
- Qabel tidħol għall-eżami għandek 5 minuti biex tipprepara.
- Dan l-eżami fih sezzjoni tal-qari, sezzjoni tas-smigħ u żewġ diskussjonijiet.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**SILTA GĦALL-QARI** (minuta)

Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'leħen għoli quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.

**L-Edukazzjoni**

Billi l-industriji bdew iridu aktar nies b'edukazzjoni aħjar, beda jkun hawn fis-soċjetà titjib fil-mod ta' għajxien. B'hekk sar aktar avvanz fl-edukazzjoni tajba, u l-awtoritajiet kellhom jestendu l-età obbligatorja, jifthu aktar l-għanijiet tal-edukazzjoni sekondarja, u joħolqu skejjel ġodda biex l-edukazzjoni tilħaq aktar il-ħtiġijiet kontemporanji. Is-seklu għoxrin beda jkun aktar xjentifiku u bilfors kellu jkun hemm żviluppi sostanzjali fl-edukazzjoni teknika. Ir-riformi fl-edukazzjoni ġew minħabba t-talba għall-ġustizzja soċjali, imma llum il-politiċi jwieżnu sew dan il-qasam għax jagħrfu l-importanza tal-edukazzjoni għas-sopravivenza nazzjonali f'dinja kompetittiva u f'ambjent igglobalizzat.

**(Total: 2 marki)**

---

**ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET**

**a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**Il-ġrajjiet kurrenti JEW Ix-xiri**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

**b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**It-tagħlim tal-lingwi barranin JEW Ġan Franġisk Agius de Soldanis**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

**. . .**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2018**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | **SEZZJONI 4A** |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | |
| DATA: | 10 ta' April 2018 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

**KARTA TAL-EŻAMINATURI**

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet mogħtija** u għall-iskop ta' standardizzazzjoni jaqra biss dawk miktubin **bold**;
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn;
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

**Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma dan joħroġ mill-kamra tal-eżami.**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta)

L-eżaminatur jgħid: **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'leħen għoli.** Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-kandidat. Huwa għandu jwaqqaf lill-kandidat milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.

**L-Għasafar**

Fil-mixja tal-ġrajja umana l-għasafar kienu ta' għajnuna biex il-bniedem jissodisfa xi ħtiġijiet tiegħu: intużaw għall-ikel, għad-divertiment, bħala simboli, u bħala għejun ta' ispirazzjoni. Insibuhom magħġunin fil-kultura ġenerali sa mill-qedem, u dan il-fatt juri l-interess tal-bniedem fl-għasafar — interess li beda jsib espressjoni fl-arti u fil-letteratura. Fl-arti Eġizzjana niltaqgħu ma' figuri ta' għasafar u fil-bibbja hemm bosta referenzi għall-għasafar, li jinkludu l-użu tat-tajr biex Noè jkollu tagħrif fuq il-livell tal-ilma. Il-ħrejjef ta' Eżopu wkoll iħaddmu bosta għasafar bħala karattri ħalli jwasslu l-messaġġi tagħhom.

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI |
|---|---|---|
| M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew. | M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub. | Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba. |

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**(Total: 2 marki)**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti)

Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira DARBA BISS. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent/a għax wara se nistaqsik ĦAMES mistoqsijiet fuqha.** L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.

It-tulipan selvaġġ jikber biss f'xi żewġ għelieqi f'post wieħed f'Malta. Tant hu rari li faċilment jisparixxi mill-kampanja Maltija. Huwa pjanta perennali, jiġifieri li tgħix minn sena għall-oħra. Il-weraq u l-fjuri jikbru minn basla li tinstab fil-fond taħt il-wiċċ tal-ħamrija. Il-fjuri huma sofor jgħajtu bi dbabar żgħar ħodor jew ħomor. Il-pjanta rari tipproduċi żerriegħa u titkattar l-aktar billi jikber basal ġdid minn dak qadim. It-tulipan jifforma parti mill-familja tal-ġilju. Il-vantaġġ tat-tulipan huwa li kapaċi jgħix u jikber fi żmien meta pjanti oħra ma jkunux kapaċi jagħmlu hekk u għalhekk ikollu aktar ċans li jżuruh in-naħal u insetti oħra biex idakkruh.

L-eżaminatur jgħid: **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli **DARBTEJN** u jagħti madwar **ĦAMES** sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.

1. Din is-silta titkellem dwar
(a) <u>il-tulipan selvaġġ.</u>
(b) il-pjanti Maltin.
(ċ) in-naħal u l-insetti.

2. It-tulipan selvaġġ jikber
(a) kullimkien f'Malta.
(b) <u>f'post wieħed f'Malta.</u>
(ċ) taħt il-wiċċ tal-ħamrija.

3. Liema idea minn dawn ma tinstabx fis-silta?
(a) It-tulipan jgħix minn sena għal oħra.
(b) Il-weraq u l-fjuri jikbru minn basla.
(ċ) <u>Il-fjuri huma bojod bi dbabar sofor.</u>

4. Il-pjanta titkattar l-aktar
(a) <u>billi jikber basal ġdid minn dak qadim.</u>
(b) għax tagħmel ħafna żerriegħa.
(ċ) meta jlaqqmuha.

5. Skont is-silta, għaliex huwa vantaġġ li t-tulipan jikber waħdu?
(a) Għax jidher aktar sabiħ fl-għelieqi.
(b) <u>Għax ikollu aktar ċans jiddakkar min-naħal u l-insetti.</u>
(ċ) Għax b'hekk ma jitħallatx ma' fjuri oħra.

**(Total: 5 marki)**

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

**3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET**

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** Il-kandidat jagħżel **L-ivvjaġġar JEW Iż-żgħożija.**

**L-ivvjaġġar**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** l-ivvjaġġar.
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. Għaliex jivvjaġġa l-bniedem tal-lum?
ii. Xi jfisser l-ivvjaġġar għalik? Għaliex?
iii. F'liema pajjiżi tixtieq tmur? Għaliex?
iv. B'liema mezz ta' trasport tippreferi tivvjaġġa l-aktar? Għaliex?
v. Il-biża' tat-terroriżmu taħseb li affettwa l-ivvjaġġar tal-Maltin? Għaliex taħseb hekk?

**JEW**

**Iż-żgħożija**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** iż-żgħożija.
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. Taħseb li ż-żgħażagħ tal-lum għandhom ħin biżżejjed biex igawdu ż-żgħożija tagħhom? Għaliex?
ii. X'inhuma d-drittijiet u d-dmirijiet li ż-żgħażagħ għandhom lejn il-pajjiż li jkunu jgħixu fih?
iii. Jingħad li ż-żgħażagħ matul iż-żgħożija tagħhom ikunu moħħ ir-riħ u irresponsabbli. Taqbel ma' dan? Għaliex?
iv. Iż-żgħożija taf tkun kerha jew sabiħa. X'jagħmel żgħożija sabiħa jew kerha?
v. Għaliex taħseb li kultant iż-żgħażagħ u l-adulti ma jifhmux lil xulxin?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju għani. |

**(Total: 4 marki)**

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** Il-kandidat jagħżel **Il-bilingwiżmu JEW Ġan Anton Vassallo.**

**Il-bilingwiżmu**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** il-bilingwiżmu. Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. X'tifhem bil-kelma *bilingwiżmu*?
ii. Għaliex huwa importanti l-bilingwiżmu (Malti u Ingliż) għalina l-Maltin?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju għani. |

**JEW**

**Ġan Anton Vassallo**
Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** Ġan Anton Vassallo.

**X'taf tgħidli fuqu?**
L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet i & ii. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.

i. F'liema żmien għex? (seklu 19 jew 1817-1868)
ii. X'kien il-kontribut ta' Ġan Anton Vassallo għall-iżvilupp tal-ilsien Malti? (il-poeżiji, il-kitba ta' *Il-Ġifen Tork*)

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju għani. |

**(Total: 4 marki)**

Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid: **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral |
| DATA: | 10 ta' April 2018 |
| ĦIN: | 15-il minuta |

**SEZZJONI 4A**

**KARTA TAL-KANDIDATI**

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC.
- Qabel tidħol għall-eżami għandek 5 minuti biex tipprepara.
- Dan l-eżami fih sezzjoni tal-qari, sezzjoni tas-smigħ u żewġ diskussjonijiet.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**SILTA GĦALL-QARI** (minuta)

Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'leħen għoli quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.

**L-Għasafar**

Fil-mixja tal-ġrajja umana l-għasafar kienu ta' għajnuna biex il-bniedem jissodisfa xi ħtiġijiet tiegħu: intużaw għall-ikel, għad-divertiment, bħala simboli, u bħala għejun ta' ispirazzjoni. Insibuhom magħġunin fil-kultura ġenerali sa mill-qedem, u dan il-fatt juri l-interess tal-bniedem fl-għasafar — interess li beda jsib espressjoni fl-arti u fil-letteratura. Fl-arti Eġizzjana niltaqgħu ma' figuri ta' għasafar u fil-bibbja hemm bosta referenzi għall-għasafar, li jinkludu l-użu tat-tajr biex Noè jkollu tagħrif fuq il-livell tal-ilma. Il-ħrejjef ta' Eżopu wkoll iħaddmu bosta għasafar bħala karattri ħalli jwasslu l-messaġġi tagħhom.

**(Total: 2 marki)**

---

**ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET**

**a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**L-ivvjaġġar JEW Iż-żgħożija**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

**b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**Il-bilingwiżmu JEW Ġan Anton Vassallo**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

...

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2018**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | **SEZZJONI 4B** |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | |
| DATA: | 10 ta' April 2018 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

**KARTA TAL-EŻAMINATURI**

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet mogħtija** u għall-iskop ta' standardizzazzjoni jaqra biss dawk miktubin **bold**;
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn;
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

**Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma dan joħroġ mill-kamra tal-eżami.**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta)

L-eżaminatur jgħid: **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'leħen għoli.** Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-kandidat. Huwa għandu jwaqqaf lill-kandidat milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.

**Ix-Xandir**

Bosta nies jaraw fit-televixin u r-radju mezzi li saru parti minn ħajjithom. Dan ma jsirx biss meta aħna nkunu moħħna f'dak li jkun ħiereġ mix-xandir, u allura nkunu qegħdin nipparteċipaw fix-xandira bħala attività primarja. Spiss insibu ruħna impenjati bix-xandir bħala attività sekondarja, bħal meta nkunu qegħdin nagħmlu l-faċendi bir-radju mixgħul. Kultant anki jkun hemm xi ħin meta x-xandir ikun attività terzjarja: pereżempju, tkun qed taħsel il-platti u titkellem mat-tfal u fl-istess ħin ikun hemm it-televixin mixgħul u kultant tolqtok xi ħaġa minnu.

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI |
|---|---|---|
| M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew. | M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub. | Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba. |

**(Total: 2 marki)**

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti)

Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira DARBA BISS. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent/a għax wara se nistaqsik ĦAMES mistoqsijiet fuqha.** L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.

Għan-nies tal-Furjana, Fuq il-Fosos kien ifisser ħaġa waħda: divertiment sempliċi, irħis, demokratiku, fejn in-nies jiltaqgħu man-nies biex jirrealizzaw li lkoll jinsabu f'baħar wieħed. Il-Kavallieri bnew il-Fosos biex jaħżnu l-qamħ u jkollhom biżżejjed f'kull ċirkustanza, kemm fi żmien il-paċi u kemm fi żmien l-għawġ. Il-biża' tagħhom mill-ġuħ wassalhom biex jaħżnu għat-tul, kontra perikli bħall-mard, il-piraterija, l-attakki mill-għedewwa, l-għoli tal-prezzijiet. Il-Maltin maż-żmien biddlu lil dik il-pjazza f'post ta' divertiment. Fl-ewwel parti ta' Fuq il-Fosos, l-eqreb lejn il-knisja, kienet issir il-fiera tal-knisja jew tal-każin tal-banda biex jinġabru l-flus għal xi skop jew ieħor, u n-nies kienet tmur bi ħġarha għall-fiera.

L-eżaminatur jgħid: **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli **DARBTEJN** u jagħti madwar **ĦAMES** sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.

1. Din is-silta titkellem fuq
(a) il-Fosos tal-Furjana.
(b) il-Kavallieri.
(ċ) il-fieri.

2. Skont is-silta, għall-Furjaniżi Fuq il-Fosos kien
(a) post ħdejn il-baħar.
(b) post ta' divertiment.
(ċ) post ta' xiri.

3. Għaliex bnew il-Fosos il-Kavallieri?
(a) Biex jagħmlu l-fieri.
(b) Biex jaħżnu l-qamħ.
(ċ) Biex ikollhom pjazza quddiem knisja.

4. Il-Kavallieri kienu jaħżnu l-qamħ kontra l-perikli. Liema minn dawn il-perikli ma jinsabux fis-silta?
(a) Mard u għoli tal-prezzijiet.
(b) Piraterija u attakki mill-għedewwa.
(ċ) Nixfa u qerda tal-ħxejjex.

5. Il-fiera ta' Fuq il-Fosos kienet issir
(a) biex jinġabru l-flus għal xi skop.
(b) biex tkun qrib il-knisja.
(ċ) biex it-tfal ikollhom ħin għal-logħob.

**(Total: 5 marki)**

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

### (a) Diskussjoni fuq tema kurrenti (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** Il-kandidat jagħżel **L-ambjent naturali JEW Ix-xiri**.

**L-ambjent naturali**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** l-ambjent naturali.
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. X'tifhem meta ngħidu *ambjent naturali*?
ii. Għaliex huwa importanti l-ambjent naturali fil-ħajja tal-bniedem?
iii. X'inhuma r-responsabilitajiet ta' kull individwu lejn l-ambjent naturali?
iv. Kif jista' l-bniedem ikun ta' xkiel għall-ambjent naturali?
v. Taħseb li qegħdin nipproteġu l-ambjent naturali tal-Gżejjer Maltin biżżejjed? X'tipproponi li għandu jsir aktar?

**JEW**

**Ix-xiri**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** ix-xiri.
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. Int tħobb tixtri l-aktar billi tmur fil-ħwienet jew billi tixtri *online*, saħansitra minn siti barranin? Għaliex?
ii. X'inhuma l-vantaġġi u l-iżvantaġġi li tixtri *online*?
iii. Int tixtri li jkollok bżonn biss jew tixtri affarijiet biex tgħid li xtrajthom mingħajr ma jkollok bżonnhom? Għaliex?
iv. Bosta jgħidu li x-xiri jista' jsir vizzju bħal kull vizzju ieħor li diffiċli toħroġ minnu. Taqbel ma' dan? Għaliex?
v. Bosta jaħsbu li jekk tixtri *online* tista' tnaqqas ix-xiri u l-bejgħ tal-ħwienet. Taħseb li għandhom raġun jaħsbu hekk? Għaliex?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju għani. |

**(Total: 4 marki)**

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** Il-kandidat jagħżel **Il-Malti Safi JEW Dun Karm Psaila.**

**Il-Malti Safi**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** il-Malti safi. Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. Spjega x'tifhem meta ngħidu *Malti safi*.
ii. L-ilsien Malti hu dak li hu sforz ta' taħlit lessikali u morfoloġiku minn ilsna barranin. Kemm taħseb li tagħmel sens l-idea ta' Malti Safi meta nafu b'dan?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju għani. |

**JEW**

**Dun Karm Psaila**
Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** Dun Karm Psaila.

**X'taf tgħidli fuqu?**
L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet i & ii. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.

i. F'liema żmien għex? (sekli 19 u 20 jew 1871-1961)
ii. Għal xiex inhu magħruf l-aktar? (il-kitba tal-*Innu Malti*, poeżiji, dizzjunarju)

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju għani. |

**(Total: 4 marki)**

Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid: **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral |
| DATA: | 10 ta' April 2018 |
| ĦIN: | 15-il minuta |

**SEZZJONI 4B**

**KARTA TAL-KANDIDATI**

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC.
- Qabel tidħol għall-eżami għandek 5 minuti biex tipprepara.
- Dan l-eżami fih sezzjoni tal-qari, sezzjoni tas-smigħ u żewġ diskussjonijiet.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**SILTA GĦALL-QARI** (minuta)

Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'leħen għoli quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.

**Ix-Xandir**

Bosta nies jaraw fit-televixin u r-radju mezzi li saru parti minn ħajjithom. Dan ma jsirx biss meta aħna nkunu moħħna f'dak li jkun ħiereġ mix-xandir, u allura nkunu qegħdin nipparteċipaw fix-xandira bħala attività primarja. Spiss insibu ruħna impenjati bix-xandir bħala attività sekondarja, bħal meta nkunu qegħdin nagħmlu l-faċendi bir-radju mixgħul. Kultant anki jkun hemm xi ħin meta x-xandir ikun attività terzjarja: pereżempju, tkun qed taħsel il-platti u titkellem mat-tfal u fl-istess ħin ikun hemm it-televixin mixgħul u kultant tolqtok xi ħaġa minnu.

**(Total: 2 marki)**

---

**ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET**

**a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**L-ambjent naturali JEW Ix-xiri**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

**b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**Il-Malti Safi JEW Dun Karm Psaila**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

...

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral |
| DATA: | 10 ta' April 2018 |
| ĦIN: | 15-il minuta |

**SEZZJONI 4Ċ**

**KARTA TAL-EŻAMINATURI**

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet mogħtija** u għall-iskop ta' standardizzazzjoni jaqra biss dawk miktubin **bold**;
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn;
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

**Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma dan joħroġ mill-kamra tal-eżami.**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta)

L-eżaminatur jgħid: **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'leħen għoli.** Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-kandidat. Huwa għandu jwaqqaf lill-kandidat milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.

**Il-Bniedem Bikri**

Il-ġrajja bikrija Maltija turi kultura matura li tisfrutta r-riżorsi tagħha. U l-bniedem bikri jixref quddiemna bħala wieħed li jara l-ambjent tiegħu b'mod sempliċi. Kien hemm il-ħtieġa ta' ħila manwali kbira u sforz mentali enormi sabiex jagħmel il-kisbiet tiegħu fi żmien it-tempji. Fassal għamliet bikrin ta' reliġjon u nifhmu li diġà kellu l-lingwa li biha ried ifisser ruħu u jintrabat ma' ħaddieħor. Kisba essenzjali kienet il-ħolqien u l-impożizzjoni tal-ordni. Il-bini preistoriku jixhed bixra mentali li mhux timponi fuq in-natura imma li tipprova tassimila man-natura.

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI |
|---|---|---|
| M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew. | M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub. | Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba. |

**(Total: 2 marki)**

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti)

Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira DARBA BISS. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent/a għax wara se nistaqsik ĦAMES mistoqsijiet fuqha.** L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.

It-tribunal tal-Inkwiżizzjoni kellu l-għan li jżarma kull forma ta' ereżija. Quddiemu kienu jidhru nies b'għażla wiesgħa ta' reati kontra l-fidi Nisranija. Dawn ir-reati kienu jinkludu dagħa, seħer, u skandli. Nies b'kuntatti ma' barranin suspettużi, bħall-Protestanti, mhux darba jew tnejn kienu jispiċċaw quddiem l-Inkwiżitur. Mela l-għan wara l-Inkwiżizzjoni kien tisfija minn dawk l-elementi li setgħu jagħmlu ħsara lill-fidi. Meta nitkellmu dwar l-Inkwiżizzjoni mill-ewwel jiġu f'moħħna qatta nisa xjuħ għakka akkużati mill-Inkwiżitur li huma xi sħaħar u li allura huma qaddejja tax-xitan. Interessanti d-deskrizzjonijiet li n-nies taw tax-xitan: min rah fil-forma ta' ħanżir oħxon, u min rah qisu tiġieġa, kelb, jew qattus.

L-eżaminatur jgħid: **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli **DARBTEJN** u jagħti madwar **ĦAMES** sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.

1. Din is-silta titkellem fuq
(a) ix-xitan.
(b) l-Inkwiżizzjoni.
(ċ) il-Protestanti.

2. L-għan tal-Inkwiżizzjoni kien
(a) li jżarma kull forma ta' ereżija.
(b) li jiġġieled kontra s-sħaħar.
(ċ) li jkeċċi l-annimali.

3. Skont is-silta, ir-reati kontra r-reliġjon kienu jinkludu
(a) seħer u qtil.
(b) dagħa, seħer, u skandli.
(ċ) dagħa u serq.

4. Skont il-kittieb, in-nisa xjuħ għakka kienu jaħsbuhom
(a) Protestanti.
(b) qaddejja tax-xitan.
(ċ) dawk li jrabbu l-annimali.

5. Ġieli, skont is-silta, lix-xitan kienu jpinġuh bħala
(a) barri bil-qrun.
(b) ħanżir oħxon.
(ċ) gendus bin-nejbiet.

**(Total: 5 marki)**

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** Il-kandidat jagħżel **Il-ġrajjiet kurrenti JEW L-edukazzjoni**.

**Il-ġrajjiet kurrenti**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** il-ġrajjiet kurrenti. Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. X'tifhem bi ġrajjiet kurrenti? Agħti xi eżempju.
ii. Għaliex huwa importanti li wieħed ikun aġġornat mal-ġrajjiet kurrenti?
iii. Liema taħseb li huma dawk il-ġrajjiet kurrenti li l-aktar jiġbdu l-attenzjoni taż-żgħażagħ?
iv. X'mezzi tax-xandir insibu llum, li jwasslulna l-ġrajjiet kurrenti?
v. X'funzjoni u responsabilità għandhom il-mezzi ta' komunikazzjoni fejn jidħlu ġrajjiet kurrenti?

**JEW**

**L-edukazzjoni**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** l-edukazzjoni. Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. Għaliex hija importanti l-edukazzjoni għall-bniedem?
ii. Minn fejn għandha tibda l-ewwel l-edukazzjoni? Għaliex?
iii. Taħseb li bniedem edukat huwa biss dak li jkollu ħafna ċertifikati akkademiċi? Għaliex taħseb hekk?
iv. Għaliex għandu jkun hemm rabta bejn l-edukazzjoni u d-dinja tax-xogħol?
v. Għaliex illum il-ġurnata huwa importanti li persuna tibqa' titgħallem tul ħajjitha kollha?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju għani. |

**(Total: 4 marki)**

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** Il-kandidat jagħżel **It-tagħlim tal-lingwi barranin JEW Ġużè Aquilina.**

**It-tagħlim tal-lingwi barranin**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** it-tagħlim tal-lingwi barranin.
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. Għaliex hu importanti li wieħed jitgħallem xi lingwi barranin?
ii. Kif nistgħu nitgħallmu lingwa barranija?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju għani. |

**JEW**

**Ġużè Aquilina**
Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** Ġużè Aquilina.

**X'taf tgħidli fuqu?**
L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet i & ii. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.

i. F'liema żmien għex? (seklu 20 jew 1911-1997)
ii. Għal xiex inhu magħruf l-aktar? (id-dizzjunarju, l-istudju tal-Malti)

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju għani. |

**(Total: 4 marki)**

Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid: **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral |
| DATA: | 10 ta' April 2018 |
| ĦIN: | 15-il minuta |

**SEZZJONI 4Ċ**

**KARTA TAL-KANDIDATI**

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC.
- Qabel tidħol għall-eżami għandek 5 minuti biex tipprepara.
- Dan l-eżami fih sezzjoni tal-qari, sezzjoni tas-smigħ u żewġ diskussjonijiet.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**SILTA GĦALL-QARI** (minuta)

Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.

**Il-Bniedem Bikri**

Il-ġrajja bikrija Maltija turi kultura matura li tisfrutta r-riżorsi tagħha. U l-bniedem bikri jixref quddiemna bħala wieħed li jara l-ambjent tiegħu b'mod sempliċi. Kien hemm il-ħtieġa ta' ħila manwali kbira u sforz mentali enormi sabiex jagħmel il-kisbiet tiegħu fi żmien it-tempji. Fassal għamliet bikrin ta' reliġjon u nifhmu li diġà kellu l-lingwa li biha ried ifisser ruħu u jintrabat ma' ħaddieħor. Kisba essenzjali kienet il-ħolqien u l-impożizzjoni tal-ordni. Il-bini preistoriku jixhed bixra mentali li mhux timponi fuq in-natura imma li tipprova tassimila man-natura.

**(Total: 2 marki)**

---

**ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET**

**a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**Il-ġrajjiet kurrenti JEW L-edukazzjoni**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

**b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**It-tagħlim tal-lingwi barranin JEW Ġużè Aquilina**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

**. . .**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral |
| DATA: | 11 ta' April 2018 |
| ĦIN: | 15-il minuta |

**SEZZJONI 5A**

**KARTA TAL-EŻAMINATURI**

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet mogħtija** u għall-iskop ta' standardizzazzjoni jaqra biss dawk miktubin **bold**;
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn;
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

**Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma dan joħroġ mill-kamra tal-eżami.**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta)

L-eżaminatur jgħid: **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'leħen għoli.** Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-kandidat. Huwa għandu jwaqqaf lill-kandidat milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.

**Il-Kitba tal-Malti**

Fis-seklu 18 bdiet tinħass għall-ewwel darba importanza soċjali għall-kitba bil-Malti, u miktubin bil-Malti nsibu prietki u paneġierki, tagħlim militari għas-suldati, dizzjunarji u grammatki x'aktarx għall-barranin u l-kavallieri, talb u katekiżmu. U nsibu wkoll xi versi u djalogi li jirrappreżentaw sforzi bikrin għan-nebħ letterarju. Dan il-kurrent ġab ukoll xewqa għall-istudju tal-Malti, għax il-kitba u l-istudju bdew isaħħu lil xulxin. Il-moħħ Malti beda jitqanqal biex jaħseb u jara l-qagħda tiegħu. Beda jifhem il-kitba tal-vernakolu bħala tidwil tal-ħsieb li kellu jgħallem lill-poplu u joħorġu mill-għar tal-injoranza.

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI |
|---|---|---|
| M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew. | M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub. | Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba. |

**(Total: 2 marki)**

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti)

Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira DARBA BISS. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent/a għax wara se nistaqsik ĦAMES mistoqsijiet fuqha.** L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.

Iċ-Ċittadella, bis-swar għoljin mibnijin fuq it-truf tal-għolja f'nofs Għawdex, tidher imponenti minn kullimkien. Minn fuqha tara lil Għawdex kollu madwarek. Bit-toroq dojoq ta' belt qadima li hi, bil-Katidral maestuż b'koppla 'finta' li hi waħda mill-isbaħ, li jeżistu bħalha fl-Italja u fi Vjenna (fl-Awstrija), kif ukoll bil-mużewijiet fosthom dawk tal-arkeoloġija u tal-folklor, illum iċ-Ċittadella hija post li jiġbed lejh bosta Maltin u t-turisti barranin kollha. Kull min iżurha, fiha jsib is-seħer ta' passat li għadu jfakkarna fl-għożża ta' ġensna għal pajjiżu (bis-swar li jisfidaw liż-żmien u lill-għadu) u għal twemminu (bil-knisja katidrali u l-knejjes żgħar li darba kellha).

L-eżaminatur jgħid: **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli **DARBTEJN** u jagħti madwar **ĦAMES** sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.

1. Din is-silta titkellem fuq
(a) l-għoljiet f'Għawdex.
(b) il-knejjes ta' Għawdex.
(ċ) iċ-Ċittadella ta' Għawdex.

2. is-swar taċ-Ċittadella huma mibnijin
(a) fuq it-trufijiet tal-għolja f'nofs Għawdex.
(b) ħdejn il-Katidral.
(ċ) fit-toroq dojoq.

3. Skont il-kittieb, il-koppla tal-Katidral hija sabiħa bħalma hemm
(a) l-Ingilterra u l-Italja.
(b) l-Italja u l-Awstrija.
(ċ) l-Awstrija u l-Ingilterra.

4. Fiċ-Ċittadella hemm xi mużewijiet. Liema wieħed minn dawn ma jissemmiex fis-silta?
(a) Il-mużew tal-folklor.
(b) Il-mużew tal-presepji.
(ċ) Il-mużew tal-arkeoloġija.

5. Il-kittieb x'jistħajjel li qed jagħmlu s-swar?
(a) Iħarsu lill-knejjes iż-żgħar.
(b) Ikennu l-belt mix-xita.
(ċ) Jisfidaw liż-żmien u lill-għadu.

**(Total: 5 marki)**

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

**3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET**

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** Il-kandidat jagħżel **L-ambjent naturali JEW Iż-żgħożija**.

**L-ambjent naturali**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** l-ambjent naturali.
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. X'tifhem meta ngħidu *ambjent naturali*?
ii. Għaliex huwa importanti l-ambjent naturali fil-ħajja tal-bniedem?
iii. X'inhuma r-responsabilitajiet ta' kull individwu lejn l-ambjent naturali?
iv. Kif jista' l-bniedem ikun ta' xkiel għall-ambjent naturali?
v. Taħseb li qegħdin nipproteġu l-ambjent naturali tal-Gżejjer Maltin biżżejjed? X'tipproponi li għandu jsir aktar?

**JEW**

**Iż-żgħożija**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** iż-żgħożija.
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. Taħseb li ż-żgħażagħ tal-lum għandhom ħin biżżejjed biex igawdu ż-żgħożija tagħhom? Għaliex?
ii. X'inhuma d-drittijiet u d-dmirijiet li ż-żgħażagħ għandhom lejn il-pajjiż li jkunu jgħixu fih?
iii. Jingħad li ż-żgħażagħ matul iż-żgħożija tagħhom ikunu moħħ ir-riħ u irresponsabbli. Taqbel ma' dan? Għaliex?
iv. Iż-żgħożija taf tkun kerha jew sabiħa. X'jagħmel żgħożija sabiħa jew kerha?
v. Għaliex taħseb li kultant iż-żgħażagħ u l-adulti ma jifhmux lil xulxin?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju għani. |

**(Total: 4 marki)**

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** Il-kandidat jagħżel **Il-bilingwiżmu JEW Ġan Franġisk Agius de Soldanis.**

**Il-bilingwiżmu**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** il-bilingwiżmu. Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli l-kandidat iwieġeb:

i. X'tifhem bil-kelma *bilingwiżmu*?
ii. Fil-Gżejjer Maltin l-ilsien Malti huwa l-ilsien nazzjonali filwaqt li l-Malti u l-Ingliż huma l-ilsna uffiċjali. X'taħseb li huma l-benefiċċji li l-poplu Malti, bħala poplu bilingwi, jista' jakkwista mill-fatt li l-Ingliż huwa waħda mil-lingwi uffiċjali tagħna.

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju għani. |

**JEW**

**Ġan Franġisk Agius de Soldanis**
Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** Ġan Franġisk Agius De Soldanis.

**X'taf tgħidli fuqu?**
L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet i & ii. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.

i. F'liema żmien għex? (seklu 18 jew 1712-1770)
ii. Għal xiex inhu magħruf l-aktar? (dizzjunarju, l-ewwel grammatika stampata, djalogi)

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju għani. |

**(Total: 4 marki)**

Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid: **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral |
| DATA: | 11 ta' April 2018 |
| ĦIN: | 15-il minuta |

**SEZZJONI 5A**

**KARTA TAL-KANDIDATI**

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC.
- Qabel tidħol għall-eżami għandek 5 minuti biex tipprepara.
- Dan l-eżami fih sezzjoni tal-qari, sezzjoni tas-smigħ u żewġ diskussjonijiet.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**SILTA GĦALL-QARI** (minuta)

Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'leħen għoli quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.

**Il-Kitba tal-Malti**

Fis-seklu 18 bdiet tinħass għall-ewwel darba importanza soċjali għall-kitba bil-Malti, u miktubin bil-Malti nsibu prietki u paneġierki, tagħlim militari għas-suldati, dizzjunarji u grammatki x'aktarx għall-barranin u l-kavallieri, talb u katekiżmu. U nsibu wkoll xi versi u djalogi li jirrappreżentaw sforzi bikrin għan-nebħ letterarju. Dan il-kurrent ġab ukoll xewqa għall-istudju tal-Malti, għax il-kitba u l-istudju bdew isaħħu lil xulxin. Il-moħħ Malti beda jitqanqal biex jaħseb u jara l-qagħda tiegħu. Beda jifhem il-kitba tal-vernakolu bħala tidwil tal-ħsieb li kellu jgħallem lill-poplu u joħorġu mill-għar tal-injoranza.

**(Total: 2 marki)**

---

**ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET**

**a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**L-ambjent naturali JEW Iż-żgħożija**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

**b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**Il-bilingwiżmu JEW Ġan Franġisk Agius de Soldanis**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

**. . .**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2018**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | **SEZZJONI 5B** |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | |
| DATA: | 11 ta' April 2018 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

**KARTA TAL-EŻAMINATURI**

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet mogħtija** u għall-iskop ta' standardizzazzjoni jaqra biss dawk miktubin **bold**;
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn;
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

**Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma dan joħroġ mill-kamra tal-eżami.**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta)

L-eżaminatur jgħid: **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'leħen għoli.** Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-kandidat. Huwa għandu jwaqqaf lill-kandidat milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.

**Il-Graffiti**

Għall-bniedem komuni l-ħajt ifisser permanenza u l-brix huwa espressjoni u deskrizzjoni. Il-graffiti jaqbżu l-fruntieri tal-lingwa: stampa ma għandha bżonn ta' ebda traduzzjoni biex tinftiehem u ma titlobx wisq sforz intellettwali bħall-kliem biex twassal il-komunikazzjoni tagħha. Is-sinjali mibruxa mal-ħitan tal-knejjes, tal-fortifikazzjonijiet, u tad-djar tagħna juru, fis-sempliċità tagħhom, għarfien tal-qawwa li tikkomunika idea. Il-graffiti jintrabtu mal-ħtieġa umana li trid tirrakkonta: tgħid ġrajja u żżomm tifkira tagħha. M'hemmx arti fihom, jew letteratura, imma huma rekord u hemm fihom ħjiel ta' seħer primittiv li jsejjaħ lill-allat.

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI |
|---|---|---|
| M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew. | M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub. | Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba. |

**(Total: 2 marki)**

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti)

Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira DARBA BISS. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent/a għax wara se nistaqsik ĦAMES mistoqsijiet fuqha.** L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.

Illum kulħadd jagħraf l-importanza li nieħdu ħsieb l-ambjent. Ambjent sabiħ u nadif hu meħtieġ biex ngħixu ħajja aħjar. Iżda l-ambjent li ngħixu fih hu kontinwament mhedded. Biżżejjed niftakru fit-tniġġis tal-baħar u l-qerda tal-ħajja ta' ġo fih bit-tunnellati ta' żejt li jitferrex meta jinkalja jew jaħbat xi tanker. Dan il-fattur hu xhieda ċara li l-ambjent li qed ngħixu fih hu fraġli ħafna. Minħabba f'hekk, fl-1972 twaqqfet l-organizzazzjoni magħrufa bħala l-United Nations Environment Programme biex tgħin ħalli titnaqqas il-ħsara kemikali lis-saff tal-ożonu li jipproteġi lid-dinja li ngħixu fiha mir-radjazzjoni ultravjola u li huma ta' dannu kbir għal saħħet il-bniedem.

L-eżaminatur jgħid: **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli **DARBTEJN** u jagħti madwar **ĦAMES** sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.

1. Din is-silta titkellem fuq
(a) il-ħarsien tal-ambjent.
(b) is-saff tal-ożonu.
(ċ) il-Ġnus Magħquda.

2. Biex ngħixu ħajja aħjar, l-ambjent irid ikun
(a) fraġli ħafna.
(b) sabiħ u nadif.
(ċ) mimli radjazzjoni.

3. Idea minn dawn ma tissemmiex bħala tniġġis tal-baħar. Liema hi?
(a) Iż-żejt li jitferrex meta jinkalja tanker.
(b) Meta jvaraw tanker ġdid.
(ċ) Iż-żejt li joħroġ meta jaħbat tanker.

4. L-organizzazzjoni magħrufa bħala l-United Nations Environment Programme twaqqfet
(a) fl-1971.
(b) fl-1972.
(ċ) fl-1973.

5. Skont is-silta, is-saff tal-ożonu
(a) idawwar lid-dinja li ngħixu fiha.
(b) jipproteġi lid-dinja mir-radjazzjoni ultravjola.
(ċ) jagħmel ħsara lis-saħħa tal-bniedem.

**(Total: 5 marki)**

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

**3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET**

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** Il-kandidat jagħżel **L-ambjent tad-dar JEW Ix-xiri**.

**L-ambjent tad-dar**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** l-ambjent tad-dar.
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. Fejn tippreferi li jkollok id-dar tiegħek: f'belt jew f'raħal? Għaliex?
ii. X'tippreferi: tgħix f'dar kbira jew f'dar żgħira? Għaliex?
iii. Liema hija l-aktar kamra għal qalbek fid-dar fejn toqgħod illum? Għaliex?
iv. Kif tippreferi tarma l-ambjent tad-dar, fuq stil modern jew fuq stil antik? Għaliex?
v. X'jagħmel ambjent tad-dar sabiħ jew ikrah? Għaliex taħseb hekk?

**JEW**

**Ix-xiri**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** ix-xiri.
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. Kif tħobb tixtri l-aktar: billi tmur fil-ħwienet jew billi tixtri *online*, saħansitra minn siti barranin? Għaliex?
ii. X'inhuma l-vantaġġi u l-iżvantaġġi li tixtri *online*?
iii. Int tixtri li jkollok bżonn biss jew tixtri affarijiet biex tgħid li xtrajthom mingħajr ma jkollok bżonnhom? Għaliex?
iv. Bosta jgħidu li x-xiri jista' jsir vizzju bħal kull vizzju ieħor li diffiċli toħroġ minnu. Taqbel ma' dan? Għaliex?
v. Bosta jisħqu li jekk tixtri *online* tista' tnaqqas ix-xiri u l-bejgħ tal-ħwienet. Taħseb li għandhom raġun jgħidu hekk? Għaliex?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju għani. |

**(Total: 4 marki)**

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** Il-kandidat jagħżel **Il-Malti Safi JEW Ġużè Muscat Azzopardi.**

**Il-Malti Safi**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** il-Malti safi. Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. Spjega x'tifhem meta ngħidu *Malti safi*.
ii. L-ilsien Malti hu dak li hu minħabba t-taħlit lessikali u morfoloġiku minn ilsna barranin. Kemm taħseb li tagħmel sens l-idea ta' Malti safi meta nafu b'dan?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju għani. |

**JEW**

**Ġużè Muscat Azzopardi**
Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** Ġużè Muscat Azzopardi.

**X'taf tgħidli fuqu?**
L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet i & ii. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.

i. F'liema żmien għex? (sekli 19 u 20 jew 1853-1927)
ii. X'kien il-kontribut ta' Ġużè Muscat Azzopardi għall-iżvilupp tal-ilsien Malti? (ir-rumanzi)

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju għani. |

**(Total: 4 marki)**

Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid: **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral |
| DATA: | 11 ta' April 2018 |
| ĦIN: | 15-il minuta |

**SEZZJONI 5B**

**KARTA TAL-KANDIDATI**

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC.
- Qabel tidħol għall-eżami għandek 5 minuti biex tipprepara.
- Dan l-eżami fih sezzjoni tal-qari, sezzjoni tas-smigħ u żewġ diskussjonijiet.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**SILTA GĦALL-QARI** (minuta)

Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'leħen għoli quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.

**Il-Graffiti**

Għall-bniedem komuni l-ħajt ifisser permanenza u l-brix huwa espressjoni u deskrizzjoni. Il-graffiti jaqbżu l-fruntieri tal-lingwa: stampa ma għandha bżonn ta' ebda traduzzjoni biex tinftiehem u ma titlobx wisq sforz intellettwali bħall-kliem biex twassal il-komunikazzjoni tagħha. Is-sinjali mibruxa mal-ħitan tal-knejjes, tal-fortifikazzjonijiet, u tad-djar tagħna juru, fis-sempliċità tagħhom, għarfien tal-qawwa li tikkomunika idea. Il-graffiti jintrabtu mal-ħtieġa umana li trid tirrakkonta: tgħid ġrajja u żżomm tifkira tagħha. M'hemmx arti fihom, jew letteratura, imma huma rekord u hemm fihom ħjiel ta' seħer primittiv li jsejjaħ lill-allat.

**(Total: 2 marki)**

---

**ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET**

**a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**L-ambjent tad-dar JEW Ix-xiri**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

**b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**Il-Malti Safi JEW Ġużè Muscat Azzopardi**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

▪ ▪ ▪

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2018**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | **SEZZJONI 5Ċ** |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | |
| DATA: | 11 ta' April 2018 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

**KARTA TAL-EŻAMINATURI**

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet mogħtija** u għall-iskop ta' standardizzazzjoni jaqra biss dawk miktubin **bold**;
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn;
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

**Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma dan joħroġ mill-kamra tal-eżami.**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta)

L-eżaminatur jgħid: **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'leħen għoli.** Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-kandidat. Huwa għandu jwaqqaf lill-kandidat milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.

**L-Annimal**

L-annimal, ħliqa ħajja bis-setgħa li titħarrek kif trid, jingħażel minn naħa mix-xitla, u minn oħra mill-bniedem fuq bażi ta' ċerti differenzi morfoloġiċi u fiżjoloġiċi. It-tħarrik irid jinftiehem b'referenza għall-għemil sħiħ tiegħu u għall-mod kif iġib ruħu ma' ħlejjaq oħrajn u mal-elementi tal-ambjent tiegħu. Mudell ta' għemil jibda x'aktarx b'reazzjoni għal xi bidla esterna jew inkella minħabba xi stimolu intern. L-għemil annimalesk huwa aspett fin-natura li jinteressa ħafna lill-bniedem li jipprova jifhem billi jorbtu ma' attivitajiet simili ta' ħlejjaq oħrajn, inkluż il-bniedem stess.

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI |
|---|---|---|
| M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew. | M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub. | Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba. |

**(Total: 2 marki)**

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti)

Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira DARBA BISS. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent/a għax wara se nistaqsik ĦAMES mistoqsijiet fuqha.** L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.

Fl-1989, fix-xahar ta' Diċembru, seħħet ġrajja importanti fi gżiritna li l-effetti tagħha nħassu mal-erbat irjieħ tad-dinja u r-riżultati tagħha għadhom jidwu sal-lum. Fl-ewwel jiem tal-aħħar xahar tal-1989 f'Malta saret laqgħa għolja, jew aħjar *summit*, bejn il-mexxejja taż-żewġ qawwiet il-kbar (superpotenzi) ta' dak iż-żmien. Il-protagonisti ta' din il-ġrajja storika kienu l-President Amerikan George Bush u l-President tal-eks-Unjoni Sovjetika, Mikhail Gorbachev. Is-*summit* sar fuq vapur f'maltempata qawwija ħdejn ir-raħal ta' Marsaxlokk, *summit* li wassal għat-tmiem tal-hekk imsejħa "gwerra bierda" bejn iż-żewġ qawwiet il-kbar ta' dak iż-żmien. Kienu jsejħulha b'dan l-isem minħabba t-tensjoni militari u l-politika ostili bejn iż-żewġ superpotenzi.

L-eżaminatur jgħid: **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli **DARBTEJN** u jagħti madwar **ĦAMES** sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.

1. Din is-silta titkellem fuq
(a) l-irjieħ tad-dinja.
(b) il-maltemp.
(ċ) ġrajja storika li seħħet Malta.

2. Is-*summit*, f'dan il-kuntest, huwa:
(a) maltempata qawwija.
(b) laqgħa għolja.
(ċ) tensjoni militari.

3. Is-*summit* sar
(a) f'Diċembru tal-1989.
(b) f'Diċembru tal-1988.
(ċ) f'Diċembru tal-1987.

4. Waħda minn dawn l-ideat mhijiex imsemmija fis-silta; liema hi?
(a) Is-*summit* ingħata fuq it-televixin.
(b) Is-*summit* sar f'maltemp qawwi fuq vapur.
(ċ) Is-*summit sar* ħdejn Marsaxlokk.

5. Skont is-silta, għaliex kienu jsejħulha "l-gwerra bierda"?
(a) Għax riedu jagħmlu s-*summit* fil-maltemp.
(b) Minħabba t-tensjoni militari u l-politika ostili bejn is-superpotenzi.
(ċ) Minħabba li ma kienx hemm gwerra.

**(Total: 5 marki)**

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

**3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET**

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** Il-kandidat jagħżel **L-edukazzjoni JEW Il-kura tas-saħħa**.

**L-edukazzjoni**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** l-edukazzjoni. Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. Għaliex hija importanti l-edukazzjoni għall-bniedem?
ii. Minn fejn għandha tibda l-ewwel l-edukazzjoni? Għaliex?
iii. Taħseb li bniedem edukat huwa biss dak li jkollu ħafna ċertifikati akkademiċi? Għaliex taħseb hekk?
iv. Għaliex għandu jkun hemm rabta bejn l-edukazzjoni u d-dinja tax-xogħol?
v. Għaliex illum il-ġurnata huwa importanti li persuna tibqa' titgħallem tul ħajjitha kollha?

**JEW**

**Il-kura tas-saħħa**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** il-kura tas-saħħa. Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. Għaliex taħseb li l-bniedem għandu jieħu ħsieb saħħtu?
ii. Jgħidu li t-tip ta' ikel li nieklu għandu sehem importanti fil-ħarsien u l-kura ta' saħħitna. Għaliex?
iii. L-eżerċizzju fiżiku hu importanti fil-ħarsien u l-kura ta' saħħitna. Kif jgħinna dan?
iv. Int x'tagħmel biex tieħu ħsieb saħħtek?
v. Taħseb li l-poplu Malti huwa konxju ta' saħħtu? Għaliex?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju għani. |

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(Total: 4 marki)**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** Il-kandidat jagħżel **It-tagħlim tal-lingwi barranin JEW Ninu Cremona.**

**It-tagħlim tal-lingwi barranin**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** it-tagħlim tal-lingwi barranin.
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. Taħseb li huwa importanti u ta' għajnuna li ssir midħla tal-kultura ta' dak il-pajjiż barrani li tiegħu tkun qed titgħallem il-lingwa?
ii. X'vantaġġi hemm fit-tagħlim ta' lingwi barranin?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju għani. |

**JEW**

**Ninu Cremona**
Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** Ninu Cremona.

**X'taf tgħidli fuqu?**
L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet i & ii. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.

i. F'liema żmien għex? (sekli 19 u 20 jew 1880-1972)
ii. X'kien il-kontribut ta' Ninu Cremona għall-iżvilupp tal-ilsien Malti? (il-grammatika, l-ortografija)

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju għani. |

**(Total: 4 marki)**

Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid: **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2018**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | **SEZZJONI 5Ċ** |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | |
| DATA: | 11 ta' April 2018 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

**KARTA TAL-KANDIDATI**

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC.
- Qabel tidħol għall-eżami għandek 5 minuti biex tipprepara.
- Dan l-eżami fih sezzjoni tal-qari, sezzjoni tas-smigħ u żewġ diskussjonijiet.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**SILTA GĦALL-QARI** (minuta)

Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'leħen għoli quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.

**L-Annimal**

L-annimal, ħliqa ħajja bis-setgħa li titħarrek kif trid, jingħażel minn naħa mix-xitla, u minn oħra mill-bniedem fuq bażi ta' ċerti differenzi morfoloġiċi u fiżjoloġiċi. It-tħarrik irid jinftiehem b'referenza għall-għemil sħiħ tiegħu u għall-mod kif iġib ruħu ma' ħlejjaq oħrajn u mal-elementi tal-ambjent tiegħu. Mudell ta' għemil jibda x'aktarx b'reazzjoni għal xi bidla esterna jew inkella minħabba xi stimolu intern. L-għemil annimalesk huwa aspett fin-natura li jinteressa ħafna lill-bniedem li jipprova jifhem billi jorbtu ma' attivitajiet simili ta' ħlejjaq oħrajn, inkluż il-bniedem stess.

**(Total: 2 marki)**

---

**ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET**

**a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**L-edukazzjoni JEW Il-kura tas-saħħa**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

**b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**It-tagħlim tal-lingwi barranin JEW Ninu Cremona**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

...

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral |
| DATA: | 12 ta' April 2018 |
| ĦIN: | 15-il minuta |

**SEZZJONI 6A**

**KARTA TAL-EŻAMINATURI**

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet mogħtija** u għall-iskop ta' standardizzazzjoni jaqra biss dawk miktubin **bold**;
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn;
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

**Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma dan joħroġ mill-kamra tal-eżami.**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta)

L-eżaminatur jgħid: **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'leħen għoli.** Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-kandidat. Huwa għandu jwaqqaf lill-kandidat milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.

**L-Arti**

L-arti fis-seklu dsatax f'Malta kienet taqdi lir-reliġjon, mhux lill-bniedem. Ispirata minn suġġetti Nsara mislutin mill-bibbja, l-arti ta' din il-ħabta kienet x'aktarx kuxjenzjuża u mhux drammatika. Il-movimenti kienu konvenzjonalizzati u d-dawl limitat: u dan biex l-attenzjoni ddur fuq l-ispiritwalità, fuq il-kwalitajiet morali ħalli joħroġ ċar it-tifsir reliġjuż. Il-karattru ta' din l-arti kien ixerred il-kalma. Din ix-xorta ta' arti ma kinitx maħsuba għal xi wirja, imma kienet tkun intenzjonata li tkun parti mill-ħajja tal-komunità billi, fil-biċċa l-kbira tagħha, tkun espressjoni tal-fidi Kattolika.

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI |
|---|---|---|
| M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew. | M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub. | Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba. |

**(Total: 2 marki)**

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti)

Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira DARBA BISS. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent/a għax wara se nistaqsik ĦAMES mistoqsijiet fuqha.** L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.

Kull ċiviltà tipproduċi l-mużika distinta tagħha li tirrifletti s-soċjetà u l-mod ta' ħsieb ta' dik is-soċjetà. L-istess ħaġa jiġri maż-żmien. Kull żmien jipproduċi l-karatteristika tiegħu, u aħna llum irridu napprezzaw il-mużika tal-imgħoddi fil-kuntest tagħha mingħajr ma norbtuha mal-mużika ta' żmienna. L-apprezzament jitlob is-simpatija. Imma tajjeb li nżommu f'moħħna li l-mużika ta' poplu hija parti mill-kultura sħiħa tiegħu u ma tistax tiġi apprezzata f'iżolament. Bosta drabi l-mużika tal-imgħoddi nkitbet minħabba xi ħtieġa li kien ikun hemm fis-soċjetà. It-talba għall-mużika x'aktarx li kienet tiġi minn xi istituzzjoni (bħall-Knisja jew l-Ordni ta' San Ġwann), minn xi mexxej (bħall-isqof jew il-gran mastru), jew mill-pubbliku li xtaq id-divertiment.

L-eżaminatur jgħid: **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli **DARBTEJN** u jagħti madwar **ĦAMES** sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.

1. Din is-silta titkellem dwar
(a) <u>il-mużika.</u>
(b) il-Kavallieri.
(ċ) id-divertiment.

2. Skont il-kittieb, il-mużika
(a) hija storbjuża ħafna.
(b) <u>tirrifletti s-soċjetà tagħha.</u>
(ċ) ma tinbidilx maż-żmien.

3. Il-mużika tal-imgħoddi
(a) <u>irridu napprezzawha fil-kuntest tagħha.</u>
(b) irridu norbtuha mal-mużika ta' żmienna.
(ċ) irridu nwarrbuha.

4. Waħda minn dawn l-ideat ma tissemmiex fis-silta. Liema hi?
(a) Kull żmien jipproduċi l-karatteristika tiegħu.
(b) <u>Il-mużika tal-imgħoddi għandha tindaqq f'xi okkażjoni speċjali.</u>
(ċ) Il-mużika ta' poplu hija parti mill-kultura sħiħa tiegħu.

5. Skont is-silta, fl-imgħoddi t-talba għall-mużika kienet tiġi
(a) <u>minn xi istituzzjoni, minn xi mexxej, jew mill-pubbliku.</u>
(b) minn xi istituzzjoni, mill-għannejja, jew mill-istudjużi.
(ċ) minn xi mexxej, minn xi għannej, jew mill-qassisin.

**(Total: 5 marki)**

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

**3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET**

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** Il-kandidat jagħżel **L-ivvjaġġar JEW Il-ġrajjiet kurrenti**.

**L-ivvjaġġar**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** l-ivvjaġġar.
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. Għaliex jivvjaġġa l-bniedem tal-lum?
ii. Xi jfisser l-ivvjaġġar għalik? Għaliex?
iii. F'liema pajjiżi tixtieq tmur? Għaliex?
iv. B'liema mezz ta' trasport tippreferi tivvjaġġa l-aktar? Għaliex?
v. Il-biża' tat-terroriżmu taħseb li affettwa l-ivvjaġġar tal-Maltin? Għaliex taħseb hekk?

**JEW**

**Il-ġrajjiet kurrenti**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** il-ġrajjiet kurrenti.
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. X'tifhem bi ġrajjiet kurrenti? Agħti xi eżempju.
ii. Għaliex huwa importanti li wieħed ikun aġġornat mal-ġrajjiet kurrenti?
iii. Liema taħseb li huma dawk il-ġrajjiet kurrenti li l-aktar jiġbdu l-attenzjoni taż-żgħażagħ?
iv. X'mezzi tax-xandir insibu llum, li jwasslulna l-ġrajjiet kurrenti?
v. X'funzjoni u responsabilità għandhom il-mezzi ta' komunikazzjoni fejn jidħlu ġrajjiet kurrenti?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju għani. |

**(Total: 4 marki)**

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** Il-kandidat jagħżel **Il-bilingwiżmu JEW Pietru Pawl Saydon.**

**Il-bilingwiżmu**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** il-bilingwiżmu. Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. X'tifhem bil-kelma *bilingwiżmu*?
ii. Għaliex huwa importanti l-bilingwiżmu (Malti u Ingliż) għalina l-Maltin?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju għani. |

**JEW**

**Pietru Pawl Saydon**
Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** Pietru Pawl Saydon.

**X'taf tgħidli fuqu?**
L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet i & ii. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.

i. F'liema żmien għex? (seklu 20 jew 1895-1971)
ii. Għal xiex inhu magħruf l-aktar? (it-traduzzjoni tal-Bibbja)

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju għani. |

**(Total: 4 marki)**

Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid: **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral |
| DATA: | 12 ta' April 2018 |
| ĦIN: | 15-il minuta |

**SEZZJONI 6A**

**KARTA TAL-KANDIDATI**

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC.
- Qabel tidħol għall-eżami għandek 5 minuti biex tipprepara.
- Dan l-eżami fih sezzjoni tal-qari, sezzjoni tas-smigħ u żewġ diskussjonijiet.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**SILTA GĦALL-QARI** (minuta)

Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'leħen għoli quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.

**L-Arti**

L-arti fis-seklu dsatax f'Malta kienet taqdi lir-reliġjon, mhux lill-bniedem. Ispirata minn suġġetti Nsara mislutin mill-bibbja, l-arti ta' din il-ħabta kienet x'aktarx kuxjenzjuża u mhux drammatika. Il-movimenti kienu konvenzjonalizzati u d-dawl limitat: u dan biex l-attenzjoni ddur fuq l-ispiritwalità, fuq il-kwalitajiet morali ħalli joħroġ ċar it-tifsir reliġjuż. Il-karattru ta' din l-arti kien ixerred il-kalma. Din ix-xorta ta' arti ma kinitx maħsuba għal xi wirja, imma kienet tkun intenzjonata li tkun parti mill-ħajja tal-komunità billi, fil-biċċa l-kbira tagħha, tkun espressjoni tal-fidi Kattolika.

**(Total: 2 marki)**

---

**ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET**

**a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**L-ivvjaġġar JEW Il-ġrajjiet kurrenti**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

**b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**Il-bilingwiżmu JEW Pietru Pawl Saydon**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

▪ ▪ ▪

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2018**

| | | |
|---|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** | **SEZZJONI 6B** |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral | |
| DATA: | 12 ta' April 2018 | |
| ĦIN: | 15-il minuta | |

**KARTA TAL-EŻAMINATURI**

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet mogħtija** u għall-iskop ta' standardizzazzjoni jaqra biss dawk miktubin **bold**;
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn;
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

**Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma dan joħroġ mill-kamra tal-eżami.**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta)

L-eżaminatur jgħid: **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'leħen għoli.** Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-kandidat. Huwa għandu jwaqqaf lill-kandidat milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.

**L-Invenzjoni tal-Istampar**

Bis-saħħa tal-invenzjoni tal-istampar żdied il-progress tat-tagħlim u nħolqu bidliet drammatiċi fil-lingwa, fir-relazzjonijiet soċjali, fil-poteri governattivi, fil-movimenti intellettwali, u fil-kapital finanzjarju. Permezz ta' din l-invenzjoni, il-kittieba qablu bejniethom meta s-soċjetà dehret maqsuma u miexja f'direzzjonijiet diversi. Ġabet fuq kollox, bidla fuq il-mod kif in-nies setgħu jitgħallmu għax attività intellettwali kombinatorja tispira bosta atti kreattivi u skolastiċi. L-estensjoni ta' moħħ il-bniedem saret possibbli permezz tal-kelma stampata. Fil-ġrajja intellettwali tal-Ewropa l-miġja tal-istampar titqies bħala element ta' bidla, anzi strument taċ-ċiviltà li jwessa' l-kultura.

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI |
|---|---|---|
| M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew. | M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub. | Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba. |

**(Total: 2 marki)**

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti)

Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira DARBA BISS. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent/a għax wara se nistaqsik ĦAMES mistoqsijiet fuqha.** L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.

Ebda att kreattiv ma jiġi mingħajr tifsir, u nifhmu wkoll li l-kultura u l-ambjent jinfluwenzaw kontinwament lill-artist. Mix-xogħol artistiku spiss nisiltu r-reazzjonijiet tal-artist għas-suġġett tiegħu. Dan jimplika li l-arti tintrabat ma' standards ta' ġmiel li jvarjaw minn żmien għal ieħor u minn post għal ieħor; anzi jvarjaw minn bniedem għal ieħor. L-istess l-espressjoni: tintrabat mas-soġġettività. Espressjoni tingħoġob għax tinftiehem u tista' tqanqal lil dak li jkun. Għax l-arti taf tkun mezz ta' espressjoni, u b'mod jew ieħor għandha ħila tesprimi l-individwalità tal-pittur l-aktar meta jkun hemm l-opportunità tal-għażla. Fil-każ tal-arti Maltija tas-seklu dsatax jidher li l-isforz kien biex tiġi ssodisfata l-kuxjenza artistika.

L-eżaminatur jgħid: **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli **DARBTEJN** u jagħti madwar **ĦAMES** sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.

1. Din is-silta titkellem fuq
(a) il-ġmiel.
(b) <u>l-arti.</u>
(ċ) il-kuxjenza.

2. Il-kittieb jgħid li
(a) <u>l-kultura u l-ambjent jinfluwenzaw lill-artist.</u>
(b) d-drawwiet u l-mentalità jinfluwenzaw lill-artist.
(ċ) l-edukazzjoni tinfluwenza lill-artist.

3. Liema idea minn dawn li ġejjin ma tissemmiex fis-silta?
(a) L-istandards ta' ġmiel ivarjaw minn żmien għal ieħor.
(b) L-istandards ta' ġmiel ivarjaw minn bniedem għal ieħor.
(ċ) <u>L-istandards ta' ġmiel ivarjaw minn skola għal oħra.</u>

4. Skont is-silta, l-espressjoni
(a) trid l-edukazzjoni.
(b) hija dejjem kreattiva.
(ċ) <u>tintrabat mas-soġġettività.</u>

5. Skont il-kittieb, x'kien l-isforz tal-arti Maltija fis-seklu dsatax?
(a) Li jkun hemm arti sabiħa.
(b) <u>Li tiġi ssodisfata l-kuxjenza artistika.</u>
(ċ) Li żżejjen il-knejjes.

**(Total: 5 marki)**

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

**3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET**

**(a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** Il-kandidat jagħżel **Id-divertiment JEW Ix-xiri**.

**Id-divertiment**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** id-divertiment.
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. Int kif tħobb tiddeverti l-aktar?
ii. Kif issib ħin fil-ġurnata tiegħek għad-divertiment?
iii. Il-bniedem bix-xogħol biss u mingħajr divertiment jinħakem minn ansjetà u stress. Taqbel ma' dan? Għaliex?
iv. Taħseb li t-tip ta' divertiment li jfittxu ż-żgħażagħ huwa differenti minn dak li jfittxu l-adulti? Għaliex taħseb hekk?
v. X'taħseb dwar il-postijiet ta' divertiment għaż-żgħażagħ li għandna f'pajjiżna?

**JEW**

**Ix-xiri**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** ix-xiri.
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. Kif tħobb tixtri l-aktar: billi tmur fil-ħwienet jew billi tixtri *online*, saħansitra minn siti barranin? Għaliex?
ii. X'inhuma l-vantaġġi u l-iżvantaġġi li tixtri *online*?
iii. Int tixtri li jkollok bżonn biss jew tixtri affarijiet biex tgħid li xtrajthom mingħajr ma jkollok bżonnhom? Għaliex?
iv. Bosta jgħidu li x-xiri jista' jsir vizzju bħal kull vizzju ieħor li diffiċli toħroġ minnu. Taqbel ma' dan? Għaliex?
v. Bosta jisħqu li jekk tixtri *online* tista' tnaqqas ix-xiri u l-bejgħ tal-ħwienet. Taħseb li għandhom raġun jgħidu hekk? Għaliex?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju għani. |

**(Total: 4 marki)**

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** Il-kandidat jagħżel **Il-Malti Safi JEW Mikiel Anton Vassalli.**

**Il-Malti Safi**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** il-Malti safi. Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. Spjega x'tifhem meta ngħidu *Malti safi*.
ii. L-ilsien Malti hu dak li hu minħabba t-taħlit lessikali u morfoloġiku minn ilsna barranin. Kemm taħseb li tagħmel sens l-idea ta' Malti safi meta nafu b'dan?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju għani. |

**JEW**

**Mikiel Anton Vassalli**
Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** Mikiel Anton Vassalli.

**X'taf tgħidli fuqu?**
L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet i & ii. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.

i. F'liema żmien għex? (sekli 18 u 19 jew 1764-1829)
ii. X'kien il-kontribut ta' Mikiel Anton Vassalli għall-iżvilupp tal-ilsien Malti? (dizzjunarju, grammatika)

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju għani. |

**(Total: 4 marki)**

Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid: **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral |
| DATA: | 12 ta' April 2018 |
| ĦIN: | 15-il minuta |

**SEZZJONI 6B**

**KARTA TAL-KANDIDATI**

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC.
- Qabel tidħol għall-eżami għandek 5 minuti biex tipprepara.
- Dan l-eżami fih sezzjoni tal-qari, sezzjoni tas-smigħ u żewġ diskussjonijiet.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**SILTA GĦALL-QARI** (minuta)

Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'leħen għoli quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.

**L-Invenzjoni tal-Istampar**

Bis-saħħa tal-invenzjoni tal-istampar żdied il-progress tat-tagħlim u nħolqu bidliet drammatiċi fil-lingwa, fir-relazzjonijiet soċjali, fil-poteri governattivi, fil-movimenti intellettwali, u fil-kapital finanzjarju. Permezz ta' din l-invenzjoni, il-kittieba qablu bejniethom meta s-soċjetà dehret maqsuma u miexja f'direzzjonijiet diversi. Ġabet fuq kollox, bidla fuq il-mod kif in-nies setgħu jitgħallmu għax attività intellettwali kombinatorja tispira bosta atti kreattivi u skolastiċi. L-estensjoni ta' moħħ il-bniedem saret possibbli permezz tal-kelma stampata. Fil-ġrajja intellettwali tal-Ewropa l-miġja tal-istampar titqies bħala element ta' bidla, anzi strument taċ-ċiviltà li jwessa' l-kultura.

**(Total: 2 marki)**

---

**ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET**

**a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**Id-divertiment JEW Ix-xiri**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

**b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**Il-Malti Safi JEW Mikiel Anton Vassalli**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

**. . .**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral |
| DATA: | 12 ta' April 2018 |
| ĦIN: | 15-il minuta |

**SEZZJONI 6Ċ**

**KARTA TAL-EŻAMINATURI**

Ħames minuti qabel ma l-kandidati jidħlu quddiem l-eżaminatur, iridu jaqraw is-silta kollha, u jippreparaw ruħhom biex jitkellmu fuq it-temi li jingħatawlhom f'dan l-eżami.

L-eżaminatur:

- **għandu jżomm mal-istruzzjonijiet mogħtija** u għall-iskop ta' standardizzazzjoni jaqra biss dawk miktubin **bold**;
- **ma jistax jgħaddi kummenti** bħal: *Mort tajjeb*, jew *Proset ħafna*, jew *Mhijiex tweġiba korretta*, u oħrajn;
- **għandu jżomm mal-ħinijiet tat-taqsimiet.** Jekk jinqabeż il-ħin ta' taqsima, anki jekk il-kandidat ikun għadu ma lestiex, l-eżaminatur għandu jgħaddi għat-taqsima ta' wara.

**Waqt l-Oral ma jinkiteb xejn fuq din il-karta. Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC. L-eżaminatur għandu jiġbor il-karta mingħand il-kandidat qabel ma dan joħroġ mill-kamra tal-eżami.**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**1. SILTA GĦALL-QARI** (minuta)

L-eżaminatur jgħid: **Il-waranofsinhar it-tajjeb. / Il-lejla t-tajba. Jekk jogħġbok, nitolbok taqra din is-silta b'leħen għoli.** Fl-ebda mument l-eżaminatur m'għandu jgħin lill-kandidat. Huwa għandu jwaqqaf lill-kandidat milli jkompli jaqra jekk jaqbeż il-minuta.

**Il-Kitba tal-Istorja**

L-għan aħħari tal-Istorja huwa l-verità u għalhekk l-Istorja għandha importanza profonda għas-soċjetà. Dan jitlob l-oġġettività biex tiġi evitata sitwazzjoni li fiha l-istorjografu jwarrab dawk is-siltiet li ma jixirqux mal-ideoloġiji tiegħu. Jekk titwarrab l-oġġettività għax il-kittieb ma jkunx jista' jinża' l-mottivi personali u l-preġudizzji tiegħu, allura l-kitba tkun mezz ta' divertiment aktar milli xi spalla li l-istudju akkademiku jista' jserraħ fuqha. Jiġifieri l-imgħoddi ma jkunx l-imgħoddi nnifsu, imma perċezzjoni mxaqilba tal-passat. Fl-istess ħin il-fatturi ewlenin li joħorġu minn ġrajja storika jeħtieġ jingħarfu f'ġieħ il-verità.

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI |
|---|---|---|
| M'għandux qari mexxej u ma jafx jippronunzja sew. | M'għandux qari mexxej imma għandu pronunzja tajba, jew bil-maqlub. | Jaqra b'mod mexxej u għandu pronunzja tajba. |

**(Total: 2 marki)**

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tas-smigħ.**

**2. SILTA GĦAS-SMIGĦ** (6 minuti)

Is-silta u l-mistoqsijiet ikunu għand l-eżaminatur biss, mhux għand il-kandidat. L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se naqralek silta qasira DARBA BISS. Is-silta hija twila madwar mitt kelma. Oqgħod attent/a għax wara se nistaqsik ĦAMES mistoqsijiet fuqha.** L-eżaminatur għandu jaqra ċar u bil-mod.

L-istampar ġab revoluzzjoni ta' tagħrif, u t-tixrid tal-ideat tħaffef u ħalla impatt akbar minn qatt qabel. Qabel l-invenzjoni tal-istampar (li ressaq l-għerf lejn kulħadd, u mhux ħallieh għall-ftit) id-dokumenti kienu jinżammu maqfula għax kienu jibżgħu li jinsterqu jew jinqerdu. Il-pubbliku ma setax jarahom (anki kieku kien jaf jaqra). Il-kunċett stess ta' "tiftix" inbidel. It-tiftix għall-għerf fil-kultura tal-iskribi medjevali kien ifisser li jippruvaw isibu x-xogħlijiet ta' dawk ta' qabilhom, u mhux isibu ideat ġodda jew jibnu fuq oħrajn eżistenti. Bl-istampar ta' għadd kbir ta' kotba, l-għerf tal-bniedem seta' jinħażen aħjar u l-umanità ma kellhiex aktar għalfejn tibża' li titlef ħażniet il-għerf tagħha.

L-eżaminatur jgħid: **Is-silta spiċċat. Issa se naqralek mistoqsijiet bi tliet tweġibiet possibbli. Inti trid tagħżel it-tajba. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet se naqrahomlok darbtejn.**

L-eżaminatur jaqra kull mistoqsija bit-tweġibiet possibbli **DARBTEJN** u jagħti madwar **ĦAMES** sekondi sakemm il-kandidat iwieġeb. F'każ li l-kandidat ma jweġibx, l-eżaminatur jgħaddi għall-mistoqsija ta' wara. It-tweġibiet it-tajbin huma mmarkati.

1. Din is-silta titkellem dwar
(a) l-għerf.
(b) <u>l-istampar.</u>
(ċ) l-iskribi.

2. Parti mir-revoluzzjoni tat-tagħrif li ġab l-istampar kienet
(a) il-wasla tal-kitba.
(b) <u>it-tixrid ħafif tal-ideat.</u>
(ċ) inqas influwenza fuq l-ideat.

3. Qabel l-invenzjoni tal-istampar, għaliex id-dokumenti kienu jinqaflu?
(a) <u>Għax kienu jibżgħu li jinsterqu jew jinqerdu.</u>
(b) Biex ipoġġuhom fil-libreriji.
(ċ) Biex jarahom il-pubbliku.

4. Skont il-kittieb, x'kienu jippruvaw jagħmlu l-iskribi medjevali?
(a) Isibu ideat ġodda.
(b) Jibnu fuq ideat li diġà jeżistu.
(ċ) <u>Ifittxu xogħlijiet ta' dawk ta' qabilhom.</u>

5. Waħda minn dawn l-ideat ma tissemmiex fis-silta. Liema hi?
(a) Bl-istampar il-bniedem seta' jaħżen ħafna aktar għerf.
(b) Bl-istampar l-umanità ma kellhiex għalfejn tibża' li se titlef il-ħażniet tal-għerf tagħha.
(ċ) <u>Bl-istampar in-nies setgħu jkunu aktar komdi meta jaqraw.</u>

**(Total: 5 marki)**

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għat-taqsima tad-diskussjoni.**

## 3. ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET

### (a) Diskussjoni fuq tema kurrenti (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **F'din it-taqsima se jkollna żewġ diskussjonijiet. Qabel ma dħalt hawnhekk għażilt fuq xiex se titkellem. Liema għażilt mit-temi kurrenti?** Il-kandidat jagħżel **L-ambjent naturali JEW L-edukazzjoni**.

**L-ambjent naturali**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** l-ambjent naturali. Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. X'tifhem b'*ambjent naturali*?
ii. Għaliex huwa importanti l-ambjent naturali fil-ħajja tal-bniedem?
iii. X'taħseb li huma r-responsabilitajiet ta' kull individwu lejn l-ambjent naturali?
iv. Kif jista' l-bniedem ifixkel l-ambjent naturali?
v. Aħna l-Maltin qegħdin nagħmlu biżżejjed biex inħarsu l-ambjent naturali tagħna? Għaliex?

**JEW**

**L-edukazzjoni**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** l-edukazzjoni. Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. Għaliex hija importanti l-edukazzjoni għall-bniedem?
ii. Minn fejn għandha tibda l-ewwel l-edukazzjoni? Għaliex?
iii. Taħseb li bniedem edukat huwa biss dak li jkollu ħafna ċertifikati akkademiċi? Għaliex taħseb hekk?
iv. Għaliex għandu jkun hemm rabta bejn l-edukazzjoni u d-dinja tax-xogħol?
v. Għaliex illum il-ġurnata huwa importanti li persuna tibqa' titgħallem tul ħajjitha kollha?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jagħti opinjoni, jagħti raġunijiet, u jipotizza. Il-vokabularju għani. |

**(Total: 4 marki)**

L-eżaminatur jgħid: **Grazzi. Issa se ngħaddu għall-aħħar diskussjoni.**

**(b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

L-eżaminatur jgħid: **Se nitkellmu fuq tema kulturali. Liema għażilt?** Il-kandidat jagħżel **It-tagħlim tal-lingwi barranin JEW Ġan Franġisk Agius de Soldanis.**

**It-tagħlim tal-lingwi barranin**
Jekk il-kandidat jagħżel din it-tema, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** it-tagħlim tal-lingwi barranin.
Wara, l-eżaminatur isaqsi dawn il-mistoqsijiet filwaqt li jħalli lill-kandidat iwieġeb:

i. Għaliex hu importanti li wieħed jitgħallem xi lingwi barranin?
ii. Kif nistgħu nitgħallmu lingwa barranija?

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb u jbati ħafna biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb imma jbati biex isostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u kapaċi jsostni fehmietu u jipotizza. Il-vokabularju għani. |

**JEW**

**Ġan Franġisk Agius de Soldanis**
Jekk il-kandidat jagħżel li jitkellem fuq dan il-persunaġġ, l-eżaminatur jgħidlu: **Se nitkellmu fuq** Ġan Franġisk Agius De Soldanis.

**X'taf tgħidli fuqu?**
L-eżaminatur għandu jara li l-kandidat ikun semma l-punti tal-mistoqsijiet i & ii. F'każ li l-kandidat ma jagħtix dawn il-punti, l-eżaminatur għandu jsaqsihomlu hu.

i. F'liema żmien għex? (seklu 18 jew 1712-1770)
ii. Għal xiex inhu magħruf l-aktar? (dizzjunarju, l-ewwel grammatika stampata, djalogi)

| ŻERO | MARKA | 2 MARKI | 3 MARKI | 4 MARKI |
|---|---|---|---|---|
| Jitkellem b'Malti li ma jinftehimx jew li bilkemm jinftiehem u jagħti tagħrif żbaljat. | Ma jafx jesprimi ruħu tajjeb imma jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju fqir ħafna. | Jaf jesprimi ruħu tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju mhux għani. | Jitkellem Malti tajjeb u jagħti tagħrif korrett. Il-vokabularju tajjeb. | Jitkellem Malti tajjeb ħafna u idjomatiku u jagħti tagħrif preċiż. Il-vokabularju għani. |

**(Total: 4 marki)**

Wara li tintemm id-diskussjoni, l-eżaminatur jgħid: **Grazzi. L-eżami tal-oral tal-Malti spiċċa. Saħħa.**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I – L-Oral |
| DATA: | 12 ta' April 2018 |
| ĦIN: | 15-il minuta |

**SEZZJONI 6Ċ**

**KARTA TAL-KANDIDATI**

- Tikteb xejn fuq din il-karta.
- Din il-karta hi propjetà tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC.
- Qabel tidħol għall-eżami għandek 5 minuti biex tipprepara.
- Dan l-eżami fih sezzjoni tal-qari, sezzjoni tas-smigħ u żewġ diskussjonijiet.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**SILTA GĦALL-QARI** (minuta)

Aqra din is-silta f'qalbek. Waqt l-oral se tintalab taqraha b'leħen għoli quddiem l-eżaminatur. Aqra ċar u bis-sens.

**Il-Kitba tal-Istorja**

L-għan aħħari tal-Istorja huwa l-verità u għalhekk l-Istorja għandha importanza profonda għas-soċjetà. Dan jitlob l-oġġettività biex tiġi evitata sitwazzjoni li fiha l-istorjografu jwarrab dawk is-siltiet li ma jixirqux mal-ideoloġiji tiegħu. Jekk titwarrab l-oġġettività għax il-kittieb ma jkunx jista' jinża' l-mottivi personali u l-preġudizzji tiegħu, allura l-kitba tkun mezz ta' divertiment aktar milli xi spalla li l-istudju akkademiku jista' jserraħ fuqha. Jiġifieri l-imgħoddi ma jkunx l-imgħoddi nnifsu, imma perċezzjoni mxaqilba tal-passat. Fl-istess ħin il-fatturi ewlenin li joħorġu minn ġrajja storika jeħtieġ jingħarfu f'ġieħ il-verità.

**(Total: 2 marki)**

---

**ŻEWĠ DISKUSSJONIJIET**

**a) Diskussjoni fuq tema kurrenti** (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**L-ambjent naturali JEW L-edukazzjoni**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

**b) Diskussjoni fuq tema kulturali** (4 minuti)

Agħżel **WAĦDA** minn dawn it-temi:

**It-tagħlim tal-lingwi barranin JEW Ġan Franġisk Agius de Soldanis**

Waqt l-oral se tintalab titkellem fuq it-tema li għażilt.

**(Total: 4 marki)**

**. . .**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I |
| DATA: | 12 ta' Mejju 2018 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sal-10:50 a.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA** tal-karta. Ikteb b'Malti tajjeb u idjomatiku.

**L-EWWEL TAQSIMA:**

**IL-KOMPONIMENT**

**Ikteb MADWAR 350 KELMA fuq WIEĦED minn dawn is-suġġetti:**

1. Il-vantaġġi u l-iżvantaġġi li tgħix fi gżira mbiegħda.
2. Ikteb rakkont li jispiċċa: "Kemm nixtieq li bqajt rieqed."
3. Il-faqar.
4. Iddeskrivi l-vaganza tal-ħolm tiegħek.

**(Total: 25 marka)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IT-TIENI TAQSIMA:**

**A. FEHIM IT-TEST**

**Aqra s-silta li ġejja u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA ta' wara.**

## L-Istatwa ta' David u Firenze

F'wieħed mir-rakkonti bibliċi, David, żagħżugħ ġwejjed li ġġieled lill-ġgant Gulija, permezz ta' ħaġra żgħira rnexxielu jolqot dirett ras il-ġgant, u spiċċa fl-art mejjet! Il-Fjorentini għamlu tagħhom lil dan il-profeta-eroj Iżraelit u ħabbewh għax kienu jarawh bħala protettur tar-Repubblika tagħhom. Ġewwa Firenze, l-iktar xbihat magħrufin ta' David, apparti dik ta' Michelangelo, kienu dawk maħduma minn Donatello u Verrocchio.

Donatello ħadem l-ewwel statwa ta' David fl-irħam fl-1408, imlibbsa, u turi lil dan id-daqsxejn ta' tifel jiċċelebra r-rebħa tiegħu fuq il-ġgant Gulija qisu xi eroj Grieg. Fuq il-wiċċ ftit hemm espressjoni, u r-ras hi inkurunata bir-rand. Statwa oħra li Donatello għamel fil-bronż fl-1430 hija iktar magħrufa u kontroversjali. Kienet l-ewwel statwa ta' David għarwien li saret bil-ħsieb li titpoġġa f'post fejn tista' titgawda mill-angoli kollha. David hu liebes kappell u buz, u f'idejh għandu xabla ta' daqs enormi. Jidher bħal ta' qablu, jiddandan bir-rebħa u taħt siequ x-xellugija tidher ras Gulija. Din x'aktarx hi statwa li riedet twassal messaġġ politiku. Spiċċat tpoġġiet fil-bitħa tal-palazz tal-Mediċi. Maż-żmien tqiegħdet f'postijiet oħrajn, imma fl-1865 tpoġġiet fil-mużew nazzjonali ta' Bargello fejn għadha tinsab sal-lum.

L-istatwa ta' Verrocchio hija iżgħar imma ħelwa. Hija tal-bronż ukoll u turi lil David tfajjel liebes sabiħ, ferħan bir-ras ta' ġgant ħdejn saqajh. Fl-1476 tpoġġiet ġewwa Palazzo Vecchio. Matul iż-żminijiet, kienet qamet kontroversja kbira bejn storiċi tal-Arti minħabba l-pożizzjoni tar-ras ta' Gulija. Din ukoll, bħal dik ta' Donatello, tinsab fil-mużew nazzjonali ta' Bargello ġewwa Firenze.

Donatello, li kien ħadem fuq l-istatwa ta' David, ingħata proġett ieħor ġewwa Firenze. L-idea kienet li jsir sett ta' 14-il statwa kbira għal fuq id-Duomo ta' Firenze. Ħadem fuq dan il-proġett sakemm miet, u kien baqagħlu blokka tal-irħam li minnha kellu joħloq statwa oħra ta' David li ma laħaqx lesta. Din il-blokka tal-irħam li ħadd ma ssogra jmiss, daħal għaliha, erbgħin sena wara, Michelangelo, li diġà kellu ħafna suċċessi f'Ruma fosthom bl-istatwa tal-Pietà.

Michelangelo, artist ieħor kbir, xtaq joħroġ xi ħaġa differenti minn dak li għamlu ta' qablu. Kien jemmen li fil-blokka kien hemm figura li trid toħroġ, figura ta' tfajjel qabel il-battalja, iħares fil-bogħod jara 'l Gulija riesaq lejh. Wiċċ David hu mimli bl-emozzjoni, u għajnejh iħarsu lejn Ruma. Tarah determinat, ma jaqtax qalbu iżda forsi wkoll xi ftit beżgħan. Il-qagħda ta' jdejh turi d-diffikultajiet li kellu Michelangelo biex jaħdem peress li l-blokka kienet dejqa u baxxa. Dam madwar tliet snin jaħdem fuqha bejn l-1501 u l-1504.

Sadanittant ġo Firenze laħqu saru tibdiliet. Minn statwa reliġjuża, bid-daqqa tal-imgħallem, waslet biex saret waħda profana. Tpoġġiet fil-pjazza della Signoria u, għall-bidu, qalgħet ħafna kritika. Fl-1873, l-istatwa tqiegħdet f'Galleria dell'Accademia biex tkun iktar preservata, u fl-1910 għamlu replika tagħha fil-post oriġinali tagħha. Illum, David, sar l-iktar simbolu Rinaxximentali magħruf ta' Firenze u wiċċu jidher f'kull promozzjoni tal-belt mill-midja soċjali, siti u rivisti turistiċi. Żgur ħadd ma jmur Firenze u ma jagħtix titwila lejn dawn l-istatwi, l-iktar dik ta' Michelangelo, f'din il-belt kulturali u sabiħa.

*(Mis-sit www.accademia.org)*

**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq dak li għadek kif qrajt:**

1. Kif iħarsu lejn David, il-Fjorentini? (2)
2. X'kellha kontroversjali l-istatwa tal-bronż ta' Donatello? (2)
3. Michelangelo mill-ewwel ngħata l-inkarigu biex jiskolpixxi lil David? Kif taf? (2)
4. X'taħseb li kellu Michelangelo differenti minn artisti oħrajn meta ġie biex jiskolpixxi l-blokka tal-irħam? (2)
5. Semmi **ŻEWĠ** emozzjonijiet li wieħed jista' jara meta jħares lejn wiċċ David ta' Michelangelo. (2)
6. Fil-fehma tiegħek, għaliex l-uffiċċju turistiku juża lil David ta' Michelangelo bħala promozzjoni tal-belt għat-turisti? (2)

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA

7. Agħti kliem ieħor għall-kliem li huwa **bold** skont is-silta t'hawn taħt:

   F'wieħed mir-**rakkonti** bibliċi ta' David, żagħżugħ **ġwejjed** li ġġieled lill-ġgant Gulija, permezz ta' **ħaġra** żgħira rnexxielu jolqot dirett ras il-ġgant, u spiċċa fl-art mejjet! Il-Fjorentini għamlu tagħhom lil dan il-profeta-eroj Iżraelit u ħabbewh għax kienu jarawh bħala protettur tar-Repubblika tagħhom. Ġewwa Firenze, l-iktar **xbihat** magħrufin ta' David, apparti dik ta' Michelangelo, kienu dawk maħduma minn Donatello u Verrocchio. (*l-ewwel paragrafu*) (4)

8. Sib kelma jew frażi minn paragrafu 5 li għandha din it-tifsira:
   a. ġlieda kbira;
   b. jaf x'għandu jagħmel;
   ċ. mimli kuraġġ;
   d. pożizzjoni. (4)

9. Liema hija l-espressjoni minn paragrafu 6 li turi li min ħadem fuq din l-istatwa kien skultur tajjeb u mħarreġ? (2)

**(Total: 22 marka)**

**IT-TIELET TAQSIMA:**

**IL-GRAMMATIKA**

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA:**

L-iskoperta tal-logħob tan-nar tidher li seħħet b'kumbinazzjoni madwar elfejn sena ilu. Leġġenda popolari tgħid li l-logħob tan-nar skoprieh kok Ċiniż li aċċidentalment ħallat il-faħam, il-kubrit u n-nitru. It-taħlita mbagħad inħarqet u meta ppressaha ġo tubu magħmul mill-bambù, din splodiet. Iċ-Ċina hija kkunsidrata bħala l-post tat-twelid tal-porvli, u llum iċ-Ċina hija l-aktar pajjiż fid-dinja li timmanifattura u tesporta logħob tan-nar. Il-Ġappuniżi huma l-aqwa f'din is-sengħa u jipproduċu wkoll logħob tan-nar mill-isbaħ. Fil-fatt, l-istilla Ġappuniża hija meqjusa bħala l-aħjar waħda fid-dinja.

*(Addattament mill-ktieb 'Kaxxa Infernali' ta' Carlston Grima)*

1. Agħti n-negattiv ta' **seħħet**. (1)
2. Sib kelma fl-Għadd Imtenni. (1)
3. Sib u ikteb avverbju Romanz. (1)
4. Oħroġ nom minn **ħallat**. (1)
5. Ta' liema forma hu l-verb **inħarqet**. (1)
6. Agħti z-zokk morfemiku ta' **ppressaha**. (1)
7. Mis-silta sib u ikteb nom fil-kollettiv. (1)
8. Mis-silta sib u ikteb partiċipju passiv ta' nisel Semitiku. (1)
9. Agħti l-istat kostrutt ta' **l-post tat-twelid**. (1)
10. Agħti l-għerq ta' **tidher**. (1)
11. Mis-silta sib verb ta' nisel Romanz. (1)
12. Agħti l-plural ta' **sengħa**. (1)
13. Ikkonjuga l-verb **jipproduċu** fit-tielet persuna plural fil-perfett. (1)
14. Mis-silta sib Superlattiv. (1)

**(Total: 14-il marka)**

**IR-RABA' TAQSIMA:**

**IR-RAPPORT**

**Ikteb MADWAR 80 KELMA fuq WIEĦED mis-suġġetti li ġejjin. Agħti titlu lir-rapport. JEKK SE TUŻA ISMIJIET ARA LI JKUNU FITTIZJI.**

1. Immaġina li int investigatur privat, li għadek kif segwejt serqa minn persuna misterjuża. Ikteb rapport biex jiġi miżmum fil-fajl tal-klijent tiegħek.

**JEW**

2. Twaqqgħet dar antika fit-triq fejn toqgħod. Ikteb rapport dwar dak li seħħ dakinhar fit-triq tiegħek.

**(Total: 12-il marka)**

**IL-ĦAMES TAQSIMA:**

**L-ITTRA**

**Ikteb MADWAR 80 KELMA fuq WIEĦED minn dawn is-suġġetti. UŻA L-ISMIJIET U L-INDIRIZZI MOGĦTIJA.**

1. Bħalissa f'Malta għaddejjin ħafna attivitajiet relatati mal-Belt Ewropea tal-Kultura 2018. Ikteb ittra lill-Fondazzjoni Valletta 2018, biex issemmi xi attivitajiet li għoġbuk u tagħti suġġerimenti għal proġetti oħra simili 'l quddiem.

   Ismek: Mario/Elizabeth Grima
   L-indirizz tiegħek: 8, Triq is-Sur, il-Belt Valletta, VLT 1500.
   L-indirizz tal-Fondazzjoni: Fondazzjoni Valletta 2018, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta VLT 1117.

**JEW**

2. Int qed torganizza kaċċa għat-teżor ġewwa l-Imdina għaż-żgħażagħ li jattendu ċ-ċentru tar-raħal. Ikteb ittra lil dawn iż-żgħażagħ bid-dettalji ta' din l-attività.

   Ismek: John/Marija Scicluna
   L-indirizz tiegħek: 7, Triq il-Ward, Ħas-Sajjied, SJD 1410.

**(Total: 12-il marka)**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | IIA |
| DATA: | 12 ta' Mejju 2018 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-6:05 p.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA** tal-karta. Ikteb b'Malti tajjeb u idjomatiku.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**L-EWWEL TAQSIMA: IR-REFERENZA GĦALL-KUNTEST – IL-POEŻIJA**

**Agħżel silta WAĦDA (A JEW B).**

**A. Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Jien* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Jien,*** Victor Fenech

Jien idealist –
nemmen f'dinja bla passaporti
bla fruntieri bla kulur.

Jien prattiku –
nemmen fil-lum fil-mewt fil-ħidma
fit-toqol tal-ftehim.

Jien romantiku –
nemmen fil-ġustizzja
fl-imħabba fis-sbuħija.

Jien realist –
nemmen fi ċkuniti
fl-iżball fl-iżolament.

Jien ribell/kompromessist –
nibni u nfarrak,
nemmen u niċħad,
nobgħod u nħobb.

Jien ħafna nies
u jien bniedem wieħed.

Jien ... min jien?

**Wieġeb:**

1. Semmi **ŻEWĠ** raġuniiet għaliex il-poeta jibda kull strofa bil-kelma "Jien." (4)
2. Xi jrid ifisser il-poeta meta jsejjaħ lilu nnifsu "romantiku" fit-tielet strofa? Fisser ruħek permezz tal-eżempji li jagħti l-poeta nnifsu f'din l-istrofa. (4)
3. X'inhi l-figura tat-taħdit li nsibu fil-ħames strofa? X'effett joħloq il-poeta permezz ta' din il-figura tat-taħdit? (4)
4. Ikteb dwar il-varjetà li joħloq il-poeta fil-metrika li juża. Għalfejn joħloq din il-varjetà? (4)
5. Il-poeta jinsab f'sitwazzjoni ta' inċertezza. Fisser kif nafu li jibqa' sal-aħħar ma jsibx soluzzjoni għal din il-problema. (4)

**(Total: 20 marka)**

**JEW**

**B. Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *lill-Qamar Kwinta* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Lill-Qamar Kwinta,*** Rena Balzan

Naf li inti fqajjar mingħajr ħjiel ta' ħajja
w li d-dawl li tarmi lewn il-fidda msawwar
lilek misluf minn ħliqa aktar setgħana;
l-ebda illużjoni ma baqagħli dwarek
għax issa nafek sewwa w m'għadnix narak
tilma u tħuf fid-dawl tal-fantasija;
'mma kif fil-għoli nilmħek qamar kwinta
issebbaħ is-smewwiet f'lejla sajfija,
ninsa dak kollu li kont għedtlek qabel
u terġa' qalbi tfur bil-poeżija.

**Wieġeb:**

1. Fisser kif l-opinjoni li għandha l-poetessa dwar il-qamar tinbidel matul il-poeżija. Islet **ŻEWĠ** kwotazzjonijiet mill-poeżija biex issaħħaħ dawn iż-żewġ opinjonijiet. (4)

2. Ikteb dwar il-metrika mħaddma f'din il-poeżija. (4)

3. Fir-tielet u fir-raba' vers, il-poetessa tħaddem l-istess figura tat-taħdit darbtejn. X'inhi din il-figura, għalfejn tħaddimha, u x'effett toħloq? (4)

4. X'inhi l-figura tat-taħdit li nsibu fl-aħħar vers tal-poeżija? Iktibha u għid x'effett il-poetessa toħloq b'din il-figura. (4)

5. X'inhi l-atmosfera li toħloq il-poetessa fl-aħħar parti tal-poeżija? Islet **ŻEWĠ** frażijiet mill-poeżija li jirriflettu din l-atmosfera. (4)

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**IT-TIENI TAQSIMA: IR-REFERENZA GĦALL-KUNTEST – IL-PROŻA**

**Agħżel silta WAĦDA (A JEW B).**

**A. Aqra sewwa din is-silta mill-proża *Firda minn Kelb* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Firda minn Kelb,*** Ġużè Ellul Mercer

F'salib it-toroq ħallejt lit-tlieta li kelli miegħi u rħejtilha waħdi għad-dar, inċaflas fl-għadajjar tal-ilma – li ma stajtx nara bid-dlam li kien – u nterter bil-kesħa li bdejt inħoss. Kont ili ma nħoss bard daqshekk.

Jien u miexi ħassejt bħal għoqla tielgħa għal griżmejja. Dak il-ħin qam ħafna riħ. Xħin ħemed, smajt lili nnifsi nolfoq, u bid-dmugħ ma' għajnejja ma stajtx nara nimxi. Kont ili ma nolfoq u nxerred demgħa aktar minn sentejn – minn dakinhar li kien miet ħija ħabta u sabta u qasir il-għomor.

Xħin wasalt id-dar, ir-rassa li kelli f'sidri bis-sħana u l-kenn ħassejtha tinħall; u sa ma ġbart u rmejt il-kaxex tad-duwa u ċekċik ieħor li bih kont ninqeda biex indewwi l-kelb minn dakinhar li marad 'l hawn bkejt kemm-il bikja siekta. U ta' kull darba bdejt nimsaħ id-dmugħ b'minkbejja, biex ma nitniġġisx b'subgħajja, u biex il-mara ma taranix nibki lill-kelb. Iżda leħni baqa' sa nħanaq u għajnejja ħmaru, donni kont xrobt l-inbid; u l-mara ntebħet li qalbi kienet ingħafset għaliex kont tlift ħabib tassew, u qaltli xi kliem ta' sabar. U jien weġibtha kif l-irġiel iwieġbu lin-nisa fi ġrajjiet bħal dawn.

Bobby kien jaf ħafna. Kien waqtiet jifhimni daqslikieku kien bniedem. Kellu għajnejh sbieħ u mimlijin dehen; u marad ħtija tiegħi, għad li jien ma ridtx immarrdu. Iżda li kieku dalgħodu qabel qatluh xi ħadd kellu jgħidlu – u hu kien jista' jifhem – x'ħassejt ilbieraħ xħin infridt għall-aħħar darba minnu, u liema beraħ u swied il-qalb ħalla warajh id-dar, kien imur inqas imbeżża' u kellu mnejn jaħseb fija u f'kemm għamilt biex infejqu.

**Wieġeb:**

1. Is-silta tibda ftit wara li n-narratur ħareġ mill-għassa tal-pulizija. Għalfejn mar l-għassa? (4)

2. Min hu l-protagonist ta' din is-silta? Ikteb għaliex taħseb hekk. (4)

3. a) Semmi żewġ emozzjonijiet li qed iħoss in-narratur. (2)
   b) Islet **ŻEWĠ** frażijiet jew sentenzi mis-silta li juru dawn l-emozzjonijiet. (2)

4. X'inhi l-figura tat-taħdit li nsibu permezz tal-kelma "beraħ" kif użata fis-sentenza: "liema beraħ u swied il-qalb ħalla warajh id-dar?" X'effett toħloq din il-figura tat-taħdit? (4)

5. Fil-kuntest tas-silta, x'tifsira għandhom id-dlam, ix-xita u l-kesħa li kien hemm barra fit-triq? (4)

**(Total: 20 marka)**

**JEW**

**B. Aqra sewwa din is-silta mill-proża *Xtara l-ħut fil-Baħar* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Xtara l-ħut fil-Baħar,*** Laurence Mizzi

B'xorti ħażina meta l-elezzjoni kien baqgħalha biss tlitt ijiem inxteħet. Kellu deni ta' żiemel. "Bl-eċitament," qallu t-tabib tar-raħal. Is-Sur Tonin xtaq jagħti ġidu biex ikun jista' jmur ħdejn l-iskola fejn kienu qed jivvutaw in-nies iżda Ċikka, it-tabib u l-kappillan ipperswadewh biex jibqa' fis-sodda ħalli meta jitla' jkun jista' jmur jirringrazzja lin-nies. It-Tnejn filgħaxija Ġorġ ħaliflu li mis-sitt mitt vot tar-raħal ma kellux jieħu inqas minn ħames mija. Kulħadd kien aċċertah li n-numru unu lis-Sur Tonin kien tah. Għal dan il-kliem ta' ħeġġa żewġ Ċikka mtela bil-kuraġġ. Fetaħ xi fliexken tal-ġnibru u tal-wiski u lestiehom għal meta jibda l-ferħ. Il-bibien u t-twieqi kienu miftuħa beraħ, waħedhom jgħidulek għaddi. Is-Sur Tonin u martu bilqiegħda fuq pultruna jgħoddu s-sekondi sa ma r-Rediffusion jibda jħabbar ir-riżultati.

Sbieħ it-Tlieta ħolom li tela' bil-kwota. Kulħadd ġie biex jifraħlu. Ħolom li għamluh ministru tal-biedja. Kompla joħlom li Ċikka kienet telqitu għax ma kienx baqa' jirrispettaha. Stenbaħ inkwetat iżda xħin lemaħ lil martu fl-isbaħ nagħsa maġenbu serraħ rasu u kompla joħlom. L-Erbgħa filgħaxija kien għadu kemm daħal id-dar meta sema' l-*announcer* tar-Rediffusion iħabbar li kien ser jaqra l-ewwel *count* tat-tielet distrett. Is-Sur Tonin ħares lejn martu, din tbissmitlu u għoqla ta' ferħ telgħet fi griżmejh. Qabbad sigarru ... "Anthony Callus, benestant, Partit Malti tal-Bdiewa ... tlieta ..." (għal waqt ħaseb li ġejja tlitt elef) ... sebgħa ... Sebgħa u tletin."

Is-sigarru waqa' minn bejn snienu. Ċikka tat twerżiqa twila u kiesħa bħal meta tara far riesaq lejha. Qalbu ħassha tieqaf mit-taħbit, wiċċu sfar u ħdar, l-għaraq xaqq għalih, id-dawl naqaslu u għal mument stħajlu li Alla m'għamlu ... Ma riedx jemmen lil widnejh, iżda meta mar biex jagħlaq it-twieqi u l-bibien u minn wara l-persjana sema' 'l Ġiġi ta' Dajdi jgħid lil ċorma ġuvintur (li min jaf kemm-il grokk kienu ħadu b'xejn minn fuq dahru) "Nhar is-Sibt is-sebgħa u tletin ser nieħu prima b'risq il-benestant tar-raħal" ma kien baqagħlu l-ebda dubju. It-tabib deher dieħel ta' sikwit fid-dar tas-Sur Tonin u meta fieq, xi tliet xhur wara, reġa' beda jtiha għall-amorini u x-xadini.

**Wieġeb:**

1. F'din is-silta ta' proża tissemma elezzjoni. Sib u ikteb reġistru ta' mill-inqas erba' kelmiet li jittrattaw dan is-suġġett. (4)

2. a) Fisser il-kuntrast li jinħoloq bejn l-atmosfera fid-dar tas-Sur Tonin qabel l-elezzjoni u l-atmosfera ta' wara li tħabbar ir-riżultat. (2)
   b) Islet **ŻEWĠ** frażijiet mis-silta, **WAĦDA** li turi l-atmosfera ta' qabel l-elezzjoni u **WAĦDA** li turi l-atmosfera ta' wara li tħabbar ir-riżultat. (2)

3. Sib u ikteb eżempju ta' personifikazzjoni mill-ewwel paragrafu. X'inhu l-effett li jinħoloq b'din il-personifikazzjoni? (4)

4. In-nies kif kienu jistmaw lis-Sur Tonin? Islet sentenza meħuda mis-silta biex turi dan. (4)

5. Fil-kuntest tan-novella kollha, xi nsiru nafu dwar il-karattru tas-Sur Tonin? (4)

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**IT-TIELET TAQSIMA: IL-KOMPONIMENTI LETTERARJI – *BEJN ĦALTEJN* (BARRA *IL-ĦARSA TA' RUŻANN*)**

**Agħżel ŻEWĠ mistoqsijiet u ikteb komponiment ta' MADWAR 200 KELMA fuq kull mistoqsija. Tinsiex tirreferi għax-xogħlijiet tal-mistoqsija li tagħżel. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mix-xogħlijiet tal-antoloġija.**

1. Spiss, il-poeti jibnu l-argument tagħhom permezz ta' żewġ opposti. Iddiskuti dan l-argument billi tirreferi għall-poeżija *Ġarġir mal-Ħerża* ta' Marjanu Vella u għall-poeżija *Fejn Jorqod ir-Riħ* ta' Achille Mizzi. (15)

2. Ikteb dwar l-elementi li jixxiebhu fil-poeżiji *Niftakar* ta' Anton Buttigieg u l-ballata *Katrin tal-Imdina* ta' Dwardu Cachia. (15)

3. Iddiskuti kif Mario, fin-novella *Jacqueline,* sab ruħu fi problema imma solvieha, u bis-saħħa t'hekk inbidel il-karattru tiegħu. (15)

**(Total: 30 marka)**

**IR-RABA' TAQSIMA: IL-KOMPONIMENT LETTERARJU – *IL-ĦARSA TA' RUŻANN* TA' FRANCIS EBEJER**

**Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta' MADWAR 400 KELMA. Tinsiex tirreferi għax-xogħlijiet tal-mistoqsija li tagħżel. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mir-rumanzett.**

1. Fir-rumanzett *Il-Ħarsa ta' Rużann* ta' Francis Ebejer, x'tip ta' karattru kellhom il-baruni x-xiħ u ibnu l-Baronċin Mark Antonin? Agħmel enfasi fuq id-differenzi ta' bejniethom.

**JEW**

2. L-edukazzjoni hija fattur importanti biex il-bniedem jiżviluppa u jikseb id-drittijiet tiegħu. Iddiskuti kif dan l-argument huwa rifless fil-ġrajja tar-rumanzett *Il-Ħarsa ta' Rużann* ta' Francis Ebejer.

**(Total: 30 marka)**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | IIB |
| DATA: | 12 ta' Mejju 2018 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-6:05 p.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA** tal-karta. Ikteb b'Malti tajjeb u idjomatiku.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**L-EWWEL TAQSIMA: IR-REFERENZA GĦALL-KUNTEST – IL-POEŻIJA**
**Agħżel silta WAĦDA (A JEW B).**

**A. Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Jien* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Jien,*** Victor Fenech

Jien idealist –
nemmen f'dinja bla passaporti
bla fruntieri bla kulur.

Jien prattiku –
nemmen fil-lum fil-mewt fil-ħidma
fit-toqol tal-ftehim.

Jien romantiku –
nemmen fil-ġustizzja
fl-imħabba fis-sbuħija.

Jien realist –
nemmen fi ċkuniti
fl-iżball fl-iżolament.

Jien ribell/kompromessist –
nibni u nfarrak,
nemmen u niċħad,
nobgħod u nħobb.

Jien ħafna nies
u jien bniedem wieħed.

Jien ... min jien?

**Wieġeb:**

1. Il-poeżja mibnija fuq kuntrasti. Fisser l-effett li jrid joħloq il-poeta permezz ta' dawn il-kuntrasti. (4)

2. Fisser l-użu tal-antiteżi li nsibu fil-ħames strofa. (4)

3. X'inhi l-figura tat-taħdit li jħaddem il-poeta fis-sitt strofa? X'effett joħloq il-poeta b'din il-figura? (4)

4. Ikteb dwar il-metrika li jħaddem il-poeta. X'effett joħloq bl-użu ta' din il-metrika? (4)

5. X'effett joħloq il-poeta meta jispiċċa l-poeżija b'mistoqsija? (4)

**(Total: 20 marka)**

**JEW**

**B. Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *lill-Qamar Kwinta* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Lill-Qamar Kwinta,*** Rena Balzan

Naf li inti fqajjar mingħajr ħjiel ta' ħajja
w li d-dawl li tarmi lewn il-fidda msawwar
lilek misluf minn ħliqa aktar setgħana;
l-ebda illużjoni ma baqagħli dwarek
għax issa nafek sewwa w m'għadnix narak
tilma u tħuf fid-dawl tal-fantasija;
'mma kif fil-għoli nilmħek qamar kwinta
issebbaħ is-smewwiet f'lejla sajfija,
ninsa dak kollu li kont għedtlek qabel
u terġa' qalbi tfur bil-poeżija.

**Wieġeb:**

1. F'din il-poeżija l-poetessa qiegħda tindirizza lill-qamar. X'tissejjaħ din il-figura tat-taħdit? X'effett toħloq il-poetessa b'din il-figura? (4)

2. Fl-ewwel parti tal-poeżija, il-poetessa qisha qiegħda tmaqdar lill-qamar. Ikteb għaliex, u islet **TLIET** kelmiet jew frażijiet mill-poeżija li juru dan. (4)

3. Fit-tieni parti tal-poeżija l-opinjoni tal-poetessa tinbidel. Issa kif tibda tħares lejn il-qamar? Islet **ŻEWĠ** kwotazzjonijiet biex issaħħaħ fehemtek. (4)

4. Ikteb dwar il-metrika mħaddma f'din il-poeżija. (4)

5. a) Il-"ħliqa aktar setgħana" hija: (agħżel **WAĦDA**)
   i. xi kewkba.
   ii. l-id ta' Alla.
   iii. il-poeżija.
   iv. ix-xemx. (1)

   b) Fisser, billi tikkwota mill-poeżija, x'inhi r-relazzjoni bejn din il-ħliqa u l-qamar. (3)

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**IT-TIENI TAQSIMA: IR-REFERENZA GĦALL-KUNTEST – IL-PROŻA**

**Agħżel silta WAĦDA (A JEW B).**

**A. Aqra sewwa din is-silta ta' proża u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Firda minn Kelb,*** Ġużè Ellul Mercer

F'salib it-toroq ħallejt lit-tlieta li kelli miegħi u rħejtilha waħdi għad-dar, inċaflas fl-għadajjar tal-ilma – li ma stajtx nara bid-dlam li kien – u nterter bil-kesħa li bdejt inħoss. Kont ili ma nħoss bard daqshekk.

Jien u miexi ħassejt bħal għoqla tielgħa għal griżmejja. Dak il-ħin qam ħafna riħ. Xħin ħemed, smajt lili nnifsi nolfoq, u bid-dmugħ ma' għajnejja ma stajtx nara nimxi. Kont ili ma nolfoq u nxerred demgħa aktar minn sentejn – minn dakinhar li kien miet ħija ħabta u sabta u qasir il-għomor.

Xħin wasalt id-dar, ir-rassa li kelli f'sidri bis-sħana u l-kenn ħassejtha tinħall; u sa ma ġbart u rmejt il-kaxex tad-duwa u ċekċik ieħor li bih kont ninqeda biex indewwi l-kelb minn dakinhar li marad 'l hawn bkejt kemm-il bikja siekta. U ta' kull darba bdejt nimsaħ id-dmugħ b'minkbejja, biex ma nitniġġisx b'subgħajja, u biex il-mara ma taranix nibki lill-kelb. Iżda leħni baqa' sa nħanaq u għajnejja ħmaru, donni kont xrobt l-inbid; u l-mara ntebħet li qalbi kienet ingħafset għaliex kont tlift ħabib tassew, u qaltli xi kliem ta' sabar. U jien weġibtha kif l-irġiel iwieġbu lin-nisa fi ġrajjiet bħal dawn.

Bobby kien jaf ħafna. Kien waqtiet jifhimni daqslikieku kien bniedem. Kellu għajnejh sbieħ u mimlijin dehen; u marad ħtija tiegħi, għad li jien ma ridtx immarrdu. Iżda li kieku dalgħodu qabel qatluh xi ħadd kellu jgħidli – u hu kien jista' jifhem – x'ħassejt ilbieraħ xħin infridt għall-aħħar darba minnu, u liema beraħ u swied il-qalb ħalla warajh id-dar, kien imur inqas imbeżża' u kellu mnejn jaħseb fija u f'kemm għamilt biex infejqu.

**Wieġeb:**

1. Iddeskrivi l-atmosfera li sab ruħu fiha n-narratur wara li ħalla lit-tlieta li kellu miegħu. Islet sentenza **WAĦDA** mill-ewwel żewġ paragrafi li wasslet għal din l-atmosfera. (4)

2. a) Il-protagonist ta' din is-silta huwa: (agħżel **WAĦDA**)
   i. il-mara tan-narratur
   ii. il-kelb
   iii. in-narratur
   iv. is-surġent tal-pulizija (1)

   b) Ikteb għaliex taħseb hekk. (2)

3. In-narratur kien iħobbu lill-kelb? Islet **ŻEWĠ** siltiet qosra mis-silta biex issaħħaħ dak li ktibt.(5)

4. X'inhi l-figura tat-taħdit li nsibu fis-sentenza: "Kien waqtiet jifhimni daqslikieku kien bniedem." X'effett joħloq permezz ta' din il-figura tat-taħdit? (4)

5. Skont in-narratur ta' min kien it-tort li marad il-kelb? X'juri dan dwar il-karattru tan-narratur? (4)

**(Total: 20 marka)**

**JEW**

**B. Aqra sewwa din is-silta ta' proża u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Xtara l-ħut fil-Baħar,*** Laurence Mizzi

B'xorti ħażina meta l-elezzjoni kien baqgħalha biss tlitt ijiem inxteħet. Kellu deni ta' żiemel. "Bl-eċitament," qallu t-tabib tar-raħal. Is-Sur Tonin xtaq jagħti ġidu biex ikun jista' jmur ħdejn l-iskola fejn kienu qed jivvutaw in-nies iżda Ċikka, it-tabib u l-kappillan ipperswadewh biex jibqa' fis-sodda ħalli meta jitla' jkun jista' jmur jirringrazzja lin-nies. It-Tnejn filgħaxija Ġorġ ħaliflu li mis-sitt mitt vot tar-raħal ma kellux jieħu inqas minn ħames mija. Kulħadd kien aċċertah li n-numru unu lis-Sur Tonin kien tah. Għal dan il-kliem ta' ħeġġa żewġ Ċikka mtela bil-kuraġġ. Fetaħ xi fliexken tal-ġnibru u tal-wiski u lestiehom għal meta jibda l-ferħ. Il-bibien u t-twieqi kienu miftuħa beraħ, waħedhom jgħidulek għaddi. Is-Sur Tonin u martu bilqiegħda fuq pultruna jgħoddu s-sekondi sa ma r-Rediffusion jibda jħabbar ir-riżultati.

Sbieħ it-Tlieta ħolom li tela' bil-kwota. Kulħadd ġie biex jifraħlu. Ħolom li għamluh ministru tal-biedja. Kompla joħlom li Ċikka kienet telqitu għax ma kienx baqa' jirrispettaha. Stenbaħ inkwetat iżda xħin lemaħ lil martu fl-isbaħ nagħsa maġenbu serraħ rasu u kompla joħlom. L-Erbgħa filgħaxija kien għadu kemm daħal id-dar meta sema' l-*announcer* tar-Rediffusion iħabbar li kien ser jaqra l-ewwel *count* tat-tielet distrett. Is-Sur Tonin ħares lejn martu, din tbissmitlu u għoqla ta' ferħ telgħet fi griżmejh. Qabbad sigarru ... "Anthony Callus, benestant, Partit Malti tal-Bdiewa ... tlieta ..." (għal waqt ħaseb li ġejja tlitt elef) ... sebgħa ... Sebgħa u tletin."

Is-sigarru waqa' minn bejn snienu. Ċikka tat twerżiqa twila u kiesħa bħal meta tara far riesaq lejha. Qalbu ħassha tieqaf mit-taħbit, wiċċu sfar u ħdar, l-għaraq xaqq għalih, id-dawl naqaslu u għal mument stħajlu li Alla m'għamlu ... Ma riedx jemmen lil widnejh, iżda meta mar biex jagħlaq it-twieqi u l-bibien u minn wara l-persjana sema' 'l Ġiġi ta' Dajdi jgħid lil ċorma ġuvintur (li min jaf kemm-il grokk kienu ħadu b'xejn minn fuq dahru) "Nhar is-Sibt is-sebgħa u tletin ser nieħu prima b'risq il-benestant tar-raħal" ma kien baqagħlu l-ebda dubju. It-tabib deher dieħel ta' sikwit fid-dar tas-Sur Tonin u meta fieq, xi tliet xhur wara, reġa' beda jtiha għall-amorini u x-xadini.

**Wieġeb:**

1. Iddeskrivi l-atmosfera li kien hemm ġewwa d-dar tas-Sur Tonin qabel u waqt l-elezzjoni. Islet sentenza **WAĦDA** mill-ewwel paragrafu li wasslet għal din l-atmosfera. (4)

2. Iddeskrivi l-atmosfera li kien hemm ġewwa d-dar tas-Sur Tonin wara li ħareġ ir-riżultat tal-elezzjoni. Islet **TLIET** frażijiet jew sentenzi mill-aħħar paragrafu li juru din ir-reazzjoni. (4)

3. X'inhi l-figura tat-taħdit li nsibu fis-sentenza: "Ċikka tat twerżiqa twila u kiesħa bħal meta tara far riesaq lejha?" X'effett jinħoloq b'din il-figura tat-taħdit? (4)

4. a) In-nies kienu jħarsu lejn is-Sur Tonin: (agħżel **WAĦDA**)
    i. b'rispett
    ii. bil-ħlewwa
    iii. biż-żufjett
    iv. b'ħafna dubji (2)

   b) Islet sentenza **WAĦDA** mill-aħħar paragrafu biex issaħħaħ l-għażla tiegħek. (2)

5. Minn din is-silta xi nsiru nafu dwar il-karattru tas-Sur Tonin? (4)

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**IT-TIELET TAQSIMA: IL-KOMPONIMENT LETTERARJU – *BEJN ĦALTEJN* (BARRA *IL-ĦARSA TA' RUŻANN*)**

**Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta' MADWAR 200 KELMA. Tinsiex tirreferi għax-xogħlijiet tal-mistoqsija li tagħżel. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mix-xogħlijiet tal-antoloġija.**

1. Iddiskuti kif l-ikrah jinbidel f'sabiħ skont kif imfisser fil-poeżija *Ġarġir mal-Ħerża* ta' Marjanu Vella u fin-novella *Il-Koranta* ta' Oliver Friggieri.

**JEW**

2. L-imħabba hija sentiment sabiħ, imma xi drabi l-imħabba tbikkik. Ikteb dwar dan l-argument billi tirreferi għall-ballata *Katrin tal-Imdina* ta' Dwardu Cachia u *Niftakar* ta' Anton Buttigieg.

**(Total: 30 marka)**

**IR-RABA' TAQSIMA: IL-KOMPONIMENT LETTERARJU – *IL-ĦARSA TA' RUŻANN* TA' FRANCIS EBEJER**

**Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta' MADWAR 200 KELMA. Tinsiex tirreferi għax-xogħlijiet tal-mistoqsija li tagħżel. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mir-rumanzett.**

1. Agħżel **ŻEWĠ** karattri rġiel li niltaqgħu magħhom fir-rumanz *Il-Ħarsa ta' Rużann* ta' Francis Ebejer u ddiskuti x-xebh u d-differenzi ta' bejniethom.

**JEW**

2. Tul ir-rumanzett *Il-Ħarsa ta' Rużann* ta' Francis Ebejer ninnotaw li sseħħ bidla soċjali. Ikteb bis-saħħa ta' min seħħet din il-bidla, u kif seħħet.

**(Total: 30 marka)**